Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Petizzjonijiet

2024/2056(INI)

10.10.2024

EMENDI
1 - 116

Abbozz ta' rapport
Alex Agius Saliba
(PE763.122v01-00)

Attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew – rapport annwali 2023
(2024/2056(INI))

Emenda 1
Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ea (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ea. billi l-Artikolu 298(1) tat-TFUE jiddikjara li "fit-twettiq tal-missjonijiet tagħhom, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni għandu jkollhom l-appoġġ ta' amministrazzjoni Ewropea miftuħa, effiċjenti u indipendenti";

Or. en

Emenda 2
Fidias Panayiotou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
F. billi fl-2023 l-Ombudsman fetħet 398 inkjesta, li minnhom 393 kienu bbażati fuq ilmenti u 5 kienu inkjesti fuq inizjattiva proprja, filwaqt li għalqet 372 inkjesta (369 ibbażati fuq ilmenti u 3 inkjesti fuq inizjattiva proprja);	F. billi fl-2023 l-Ombudsman fetħet 398 inkjesta, li minnhom 393 kienu bbażati fuq ilmenti u 5 kienu inkjesti fuq inizjattiva proprja, filwaqt li għalqet 372 inkjesta (369 ibbażati fuq ilmenti u 3 inkjesti fuq inizjattiva proprja); ***u b'hekk kompliet l-attività intensa u effiċjenti tagħha, imwettqa bis-saħħa tar-Regolament il-ġdid 2021/1163 TAL-PARLAMENT EWROPEW tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi r-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw it-twettiq tad-dmirijiet tal-Ombudsman (Statut tal-Ombudsman Ewropew) u li jħassar id-Deċiżjoni 94/262/KEFA, KE, Euratom;***

Or. en

Emenda 3

Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi fl-inkjesti magħluqa mill-Ombudsman fl-2023, ***f'26,6 % tal-każijiet*** instab li ma kienx hemm amministrazzjoni ħażina, ***f'55,4 % tal-każijiet*** instabet soluzzjoni min-naħa tal-istituzzjoni, ***fi 12,4 % tal-każijiet*** ma kienx iġġustifikat li ssir aktar investigazzjoni waqt li ***f'7,3 % tal-każijiet*** instabet amministrazzjoni ħażina;	I. billi fl-inkjesti magħluqa mill-Ombudsman fl-2023, ***f'99 każ (26,6 %)*** instab li ma kienx hemm amministrazzjoni ħażina, ***f'206 każijiet (55,4 %) instabet soluzzjoni,*** instabet ***parzjalment*** soluzzjoni ***jew il-każ ġie riżolt*** min-naħa tal-istituzzjoni, ***f'4 każijiet (12,4 %)*** ma kienx iġġustifikat li ssir aktar investigazzjoni waqt li ***f'27 każ (7,3 %)*** instabet amministrazzjoni ħażina;

Or. en

Emenda 4
Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ka (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ka. billi l-esperjenza tal-Ombudsman fit-trattament tal-ilmenti dwar l-aċċess għad-dokumenti hija li spiss kien hemm dewmien twil f'każijiet li kienu ta' interess pubbliku sinifikanti, u b'konsegwenza ta' dan l-informazzjoni miksuba kienet tilfet l-utilità tagħha għar-rikjedenti u ċ-ċittadini ma setgħux isemmu leħinhom fi żmien opportun fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

Or. en

Emenda 5
Jana Toom, Michał Kobosko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa L

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L. billi ċ-ċittadini tal-UE għandhom drittijiet wesgħin ta' aċċess għad-dokumenti miżmuma mill-amministrazzjoni tal-UE; billi l-Ombudsman fetħet inkjesta fuq inizjattiva proprja fejn talbet lill-Kummissjoni tittratta b'mod urġenti d-dewmien sistematiku fit-trattament tagħha tat-talbiet għal aċċess għad-dokumenti sabiex tiżgura li tirrispetta l-iskadenzi stabbiliti fil-liġi tal-UE dwar l-aċċess pubbliku (ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001[2]); billi din l-inkjesta żvelat li meta l-Kummissjoni tintalab tirrieżamina deċiżjoni dwar l-aċċess għad-dokumenti, tonqos milli tirrispetta l-iskadenzi stabbiliti fil-liġi f'85 % tal-każijiet;	L. billi ċ-ċittadini tal-UE għandhom drittijiet wesgħin ta' aċċess għad-dokumenti miżmuma mill-amministrazzjoni tal-UE; billi l-Ombudsman fetħet inkjesta fuq inizjattiva proprja fejn talbet lill-Kummissjoni tittratta b'mod urġenti d-dewmien sistematiku fit-trattament tagħha tat-talbiet għal aċċess għad-dokumenti sabiex tiżgura li tirrispetta l-iskadenzi stabbiliti fil-liġi tal-UE dwar l-aċċess pubbliku (ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001[2]); billi din l-inkjesta żvelat li meta l-Kummissjoni tintalab tirrieżamina deċiżjoni dwar l-aċċess għad-dokumenti, tonqos milli tirrispetta l-iskadenzi stabbiliti fil-liġi f'85 % tal-każijiet ***filwaqt li l-maġġoranza tar-risposti jaslu wara 60 jum***;
[2] Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.	[2] Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

Or. en

Emenda 6
Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa M

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
M. billi fl-2023 l-Ombudsman ippubblikat rapport speċjali wara l-inkjesta strateġika tagħha dwar iż-żmien li tieħu l-Kummissjoni Ewropea biex tittratta t-talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti; billi l-Ombudsman issottomettiet dan ir-rapport lill-Parlament Ewropew bil-għan li tfittex l-għajnuna	M. billi fl-2023 l-Ombudsman ippubblikat rapport speċjali wara l-inkjesta strateġika tagħha dwar iż-żmien li tieħu l-Kummissjoni Ewropea biex tittratta t-talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti; billi ***l-inkjesta tal-Ombudsman żvelat li meta individwi jitolbu rieżami ta' deċiżjoni ta' aċċess, magħrufa bħala talba***

tiegħu sabiex jipprevali fuq il-Kummissjoni biex taġixxi fuq ir-rakkomandazzjonijiet tagħha, peress li hija tal-opinjoni li ċ-ċittadini huma intitolati jistennew prattiki aħjar minn amministrazzjoni miftuħa, moderna u orjentata lejn is-servizzi tal-UE;	***konfermatorja, il-Kummissjoni titlef l-iskadenzi stabbiliti fil-liġi f'85 % tal-każijiet; billi*** l-Ombudsman issottomettiet dan ir-rapport lill-Parlament Ewropew bil-għan li tfittex l-għajnuna tiegħu sabiex jipprevali fuq il-Kummissjoni biex taġixxi fuq ir-rakkomandazzjonijiet tagħha, peress li hija tal-opinjoni li ċ-ċittadini huma intitolati jistennew prattiki aħjar minn amministrazzjoni miftuħa, moderna u orjentata lejn is-servizzi tal-UE;

Or. en

Emenda 7
Peter Agius

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa M

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
M. billi fl-2023 l-Ombudsman ippubblikat rapport speċjali wara l-inkjesta strateġika tagħha dwar iż-żmien li tieħu l-Kummissjoni Ewropea biex tittratta t-talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti; billi l-Ombudsman issottomettiet dan ir-rapport lill-Parlament Ewropew bil-għan li tfittex ***l-għajnuna*** tiegħu sabiex ***jipprevali fuq il-Kummissjoni biex*** taġixxi fuq ir-rakkomandazzjonijiet tagħha, peress li hija tal-opinjoni li ċ-ċittadini huma intitolati jistennew prattiki aħjar minn amministrazzjoni miftuħa, moderna u orjentata lejn is-servizzi tal-UE;	M. billi fl-2023 l-Ombudsman ippubblikat rapport speċjali wara l-inkjesta strateġika tagħha dwar iż-żmien li tieħu l-Kummissjoni Ewropea biex tittratta t-talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti; billi l-Ombudsman issottomettiet dan ir-rapport lill-Parlament Ewropew bil-għan li tfittex ***l-appoġġ*** tiegħu sabiex ***il-Kummissjoni tiġi persważa*** taġixxi fuq ir-rakkomandazzjonijiet tagħha, peress li hija tal-opinjoni li ċ-ċittadini huma intitolati jistennew prattiki aħjar minn amministrazzjoni miftuħa, moderna u orjentata lejn is-servizzi tal-UE;

Or. en

Emenda 8
Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ma (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ma. billi fl-2023 l-Ombudsman ikkritikat in-nuqqas inizjali tal-Kummissjoni li tinkludi emails speċifiċi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' talba għal aċċess rigward skambji dwar abbozzi ta' strateġiji tal-UE dwar il-ħamrija, il-foresti u l-adattament għat-tibdil fil-klima; billi matul l-inkjesta tal-Ombudsman, il-Kummissjoni qablet li tirreġistra l-emails inkwistjoni u teżamina jekk dawn setgħux jiġu rilaxxati; billi din il-prattika ma għandhiex tiġi applikata b'mod arbitrarju u l-Kummissjoni għandha tapplika dan l-approċċ b'mod konsistenti għall-każijiet kollha, inkluż fin-negozjati relatati max-xiri tal-vaċċini kontra l-COVID-19;

Or. en

Emenda 9
Kosma Złotowski, Ivaylo Valchev, Galato Alexandraki

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ma (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ma. billi l-Ombudsman irrikonoxxiet il-progress sinifikanti fit-tisħiħ tar-regoli dwar l-etika fil-Parlament Ewropew wara l-Qatargate iżda esprimiet tħassib dwar l-implimentazzjoni u l-infurzar tagħhom; billi l-Ombudsman fetħet inkjesta separata dwar l-ispejjeż tal-ivvjaġġar imħallsa għall-Kummissjoni minn partijiet terzi mill-2021;

Or. en

Emenda 10
Fidias Panayiotou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa N

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
N. billi r-rapport speċjali ġie diskuss fil-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament u wassal għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew bit-titolu "Iż-żmien li ***tieħu*** l-Kummissjoni Ewropea biex tittratta t-talbiet ta' aċċess pubbliku għad-dokumenti"[3], li fiha l-Parlament esprima tħassib kbir dwar id-dewmien estrem fil-proċess tal-Kummissjoni li tagħti aċċess pubbliku għad-dokumenti mitluba u talab lill-Kummissjoni tirretifika dan id-dewmien sistematiku u sinifikanti;	N. billi r-rapport speċjali ġie diskuss fil-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament u wassal għal riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew bit-titolu "Iż-żmien li l-Kummissjoni Ewropea biex tittratta t-talbiet ta' aċċess pubbliku għad-dokumenti"[3], li fiha l-Parlament esprima tħassib kbir dwar id-dewmien estrem fil-proċess tal-Kummissjoni li tagħti aċċess pubbliku għad-dokumenti mitluba u talab lill-Kummissjoni tirretifika dan id-dewmien sistematiku u sinifikanti ***u stieden lill-Kummissjoni biex finalment u immedjatament tippubblika l-messaġġi testwali li l-President tal-Kummissjoni u l-uffiċjal kap eżekuttiv tal-kumpanija farmaċewtika Pfizer skambjaw matul in-negozjati dwar l-akkwist ta' 1,8 biljun doża ta' vaċċini kontra l-COVID-19 u talab il-pubblikazzjoni immedjata u sħiħa tal-kuntratti kollha għax-xiri tal-vaċċini kontra l-COVID-19 iffinanzjati kompletament jew parzjalment b'fondi pubbliċi***;
[3] Testi adottati, P9_TA(2024)0172.	[3] Testi adottati, P9_TA(2024)0172.

Or. en

Emenda 11
Fidias Panayiotou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Na (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Na. billi fl-14 ta' Marzu 2024 il-Parlament adotta r-riżoluzzjoni bit-titolu "Iż-żmien li tieħu l-Kummissjoni Ewropea biex tittratta t-talbiet ta' aċċess pubbliku għad-dokumenti" li fiha jenfasizza li, jekk il-Kummissjoni ma tindirizzax id-dewmien

sistematiku u sinifikanti fl-ipproċessar tagħha tat-talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti saż-żmien li jiġi stabbilit il-Kulleġġ tal-Kummissarji l-ġdid, il-Parlament se jikkunsidra li juża l-istrumenti parlamentari disponibbli kollha biex jindirizza l-kwistjoni;

Or. en

Emenda 12
Peter Agius

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa P

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
P. billi t-trasparenza hija parti vitali minn soċjetà demokratika u għodda importanti fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni; billi ċ-ċittadini tal-UE għandhom id-dritt ***għall-ogħla livell ta' trasparenza*** u billi ***l-ogħla livell ta' aċċessibbiltà*** għad-dokumenti pubbliċi ***huwa*** essenzjali biex jiġi żgurat l-obbligu ta' rendikont;	P. billi t-trasparenza hija parti vitali minn soċjetà demokratika u għodda importanti fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni; billi ċ-ċittadini tal-UE għandhom id-dritt ***għat-trasparenza*** u billi ***l-aċċessibbiltà*** għad-dokumenti pubbliċi ***hija*** essenzjali biex jiġi żgurat l-obbligu ta' rendikont;

Or. en

Emenda 13
Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Pa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Pa. billi l-inkjesta tal-Ombudsman fil-każ OI/3/2023/MHZ dwar ir-rwol tal-Frontex fl-operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ uriet l-eżistenza ta' nuqqasijiet serji, inklużi n-nuqqas li jiġi żgurat li l-osservaturi tad-drittijiet fundamentali tal-Frontex ikunu involuti biżżejjed fit-tehid ta' deċiżjonijiet dwar emerġenzi marittimi kif ukoll in-nuqqas ta' linji gwida interni

tal-Frontex dwar l-emissjoni ta' sinjali ta' emerġenza; billi din l-inkjesta tnediet mill-Ombudsman wara t-traġedja tal-Adriana f'Ġunju 2023, fejn għerqu 600 persuna 'l barra mill-kosta tal-Greċja;

Or. en

Emenda 14
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Qa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Qa. billi l-Ombudsman Ewropew tista' tipproponi rakkomandazzjonijiet u tissuġġerixxi rimedji u rakkomandazzjonijiet ta' titjib immirati biex isolvu diversi aspetti ta' amministrazzjoni ħażina;

Or. en

Emenda 15
Fidias Panayiotou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	2a. Jifraħ lil Emily O'Reilly għad-determinazzjoni tagħha li tiftaħ inkjesti strateġiċi u inizjattivi usa' li b'hekk jiżvelaw il-ħsarat sistemiċi fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE fir-rigward tal-aċċess għad-dokumenti, il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, il-kwistjonijiet etiċi, l-obbligu ta' rendikont fit-teħid tad-deċiżjonijiet u l-kwistjonijiet tal-persunal;

Or. en

Emenda 16
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jilqa' l-pubblikazzjoni mill-Ombudsman ta' gwida għall-aċċess għad-dokumenti tal-UE, li għandha l-għan li żżid is-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini dwar id-dritt tagħhom ta' aċċess għad-dokumenti u tippermettilhom jiskrutinizzaw it-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE;	4. Jilqa' l-pubblikazzjoni mill-Ombudsman ta' gwida għall-aċċess għad-dokumenti tal-UE, li għandha l-għan li żżid is-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini dwar id-dritt tagħhom ta' aċċess għad-dokumenti u tippermettilhom jiskrutinizzaw it-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE; ***Jemmen li huwa essenzjali li ċ-ċittadini jkomplu jingħataw informazzjoni xierqa dwar ir-rwol u l-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet tal-Ombudsman u l-influwenza tagħha fuq l-iżvilupp tal-istituzzjonijiet tal-UE;***

Or. en

Emenda 17
Fidias Panayiotou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet l-oħra kollha tal-UE jippromwovu l-gwida tal-Ombudsman biex jiġu aċċessati d-dokumenti tal-UE fi sforz konġunt biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni taċ-ċittadini dwar id-dritt tagħhom ta' aċċess għad-dokumenti u tiżdied il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE;

Or. en

Emenda 18
Emmanouil Fragkos, Galato Alexandraki

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jiddispjaċih dwar in-nuqqas totali ta' inizjattivi biex jiġu appoġġjati ċittadini Ċiprijotti, bħal Titina Loizidou, li tkeċċew mit-territorju okkupat tar-Repubblika ta' Ċipru mill-armata ta' okkupazzjoni Torka, u li diversi drabi ngħataw raġun mill-qrati għall-pretensjonjiet tagħhom.

Or. el

Emenda 19
Virginie Joron, Pál Szekeres, Georg Mayer, Fabrice Leggeri, Mireia Borrás Pabón, Sebastian Kruis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jilqa' r-rakkomandazzjonijiet wara l-inkjesta fuq inizjattiva proprja tal-Ombudsman dwar iż-żmien li tieħu l-Kummissjoni biex tittratta t-talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti, li jistiednu lill-Kummissjoni tittratta d-dewmien sistemiku tagħha bħala kwistjoni ta' urġenza u tirrispetta l-iskadenzi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni; jinsab imħasseb dwar is-sejba tal-inkjesta li d-dewmien sistemiku u sinifikanti tal-Kummissjoni fit-trattament tat-talbiet għall-aċċess għad-dokumenti jammonta għal amministrazzjoni ħażina;	5. Jilqa' r-rakkomandazzjonijiet wara l-inkjesta fuq inizjattiva proprja tal-Ombudsman dwar iż-żmien li tieħu l-Kummissjoni biex tittratta t-talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti, li jistiednu lill-Kummissjoni tittratta d-dewmien sistemiku tagħha bħala kwistjoni ta' urġenza u tirrispetta l-iskadenzi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni; jinsab imħasseb dwar is-sejba tal-inkjesta li d-dewmien sistemiku u sinifikanti tal-Kummissjoni fit-trattament tat-talbiet għall-aċċess għad-dokumenti jammonta għal amministrazzjoni ħażina; ***jiddispjaċih li l-aktar kuntratti importanti mal-industriji farmaċewtiċi konklużi mill-President tal-Kummissjoni mingħajr ebda trasparenza u bi ksur tar-regoli Ewropej kollha dwar l-akkwist pubbliku għadhom ma sarux pubbliċi;***

Or. fr

Emenda 20
Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jilqa' r-rakkomandazzjonijiet wara l-inkjesta fuq inizjattiva proprja tal-Ombudsman dwar iż-żmien li tieħu l-Kummissjoni biex tittratta t-talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti, li jistiednu lill-Kummissjoni tittratta d-dewmien sistemiku tagħha bħala kwistjoni ta' urġenza u tirrispetta l-iskadenzi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni; jinsab imħasseb dwar is-sejba tal-inkjesta li d-dewmien sistemiku u sinifikanti tal-Kummissjoni fit-trattament tat-talbiet għall-aċċess għad-dokumenti jammonta għal amministrazzjoni ħażina;	5. Jilqa' r-rakkomandazzjonijiet wara l-inkjesta fuq inizjattiva proprja tal-Ombudsman dwar iż-żmien li tieħu l-Kummissjoni biex tittratta t-talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti, li jistiednu lill-Kummissjoni ***tikkunsidra mill-ġdid u b'mod fundamentali kif tittratta tali talbiet u*** tittratta d-dewmien sistemiku tagħha bħala kwistjoni ta' urġenza u tirrispetta l-iskadenzi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni; jinsab imħasseb ***ħafna*** dwar is-sejba tal-inkjesta li d-dewmien sistemiku u sinifikanti tal-Kummissjoni fit-trattament tat-talbiet għall-aċċess għad-dokumenti jammonta għal amministrazzjoni ħażina;

Or. en

Emenda 21
Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jappoġġja l-fehma tal-Ombudsman li d-dewmien fl-aċċess huwa ċaħda ta' aċċess, peress li d-dokumenti u l-informazzjoni mitluba spiss ikunu sensittivi għall-ħin u jistgħu jitilfu r-rilevanza għar-rikjedenti jekk ikun hemm dewmien; jemmen li l-Kummissjoni

jeħtiġilha tippubblika b'mod proattiv dokumenti u statistika dwar kif tittratta t-talbiet dwar l-aċċess għad-dokumenti, inkluża data ċara dwar il-konformità mal-iskadenzi stabbiliti mid-dritt tal-UE, peress li tali informazzjoni hija kruċjali biex tittejjeb it-trasparenza dwar din il-kwistjoni u jissaħħaħ l-obbligu ta' rendikont tal-Kummissjoni lejn iċ-ċittadini;

Or. en

Emenda 22
Kosma Złotowski, Ivaylo Valchev, Galato Alexandraki

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	5a. Jissottolinja li t-trasparenza tat-teħid tad-deċiżjonijiet, b'mod partikolari f'termini ta' lobbjar, fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent u t-tibdil fil-klima kienet il-punt fokali ta' ħafna inkjesti tal-Ombudsman;

Or. en

Emenda 23
Fidias Panayiotou, Maria Zacharia, Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Iħeġġeġ lill-Kunsill jimpenja ruħu f'negozjati kostruttivi mal-Parlament u mal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, sabiex dawn it-tliet istituzzjonijiet ewlenin tal-UE jinbidlu f'mudelli eżemplari ta' trasparenza u responsabbiltà pubblika għall-UE kollha;	6. Iħeġġeġ lill-Kunsill jimpenja ruħu f'negozjati kostruttivi mal-Parlament u mal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, sabiex ***isir aġġornament tad-definizzjoni ta' dokument tal-UE filwaqt li jitqiesu l-mezzi ta' komunikazzjoni li qed jevolvu, bħall-messaġġi testwali u istantanji, u***

	jallinja dan ir-regolament mal-kuntest diġitali l-ġdid u sabiex dawn it-tliet istituzzjonijiet ewlenin tal-UE jinbidlu f'mudelli eżemplari ta' trasparenza u responsabbiltà pubblika għall-UE kollha; ***jistieden lill-Ombudsman, f'dan il-kuntest u abbażi tal-għarfien espert ippruvat tagħha, tagħti pariri u tipproponi linji gwida ta' prattika tajba u b'hekk jiġi ppreservat l-aċċess taċ-ċittadini għad-dokumenti pubbliċi f'soċjetà diġitali li qed tevolvi malajr;***
	Or. en

Emenda 24
Nadine Morano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. ***Iħeġġeġ*** lill-Kunsill jimpenja ruħu f'negozjati kostruttivi mal-Parlament u mal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, sabiex dawn it-tliet istituzzjonijiet ewlenin tal-UE jinbidlu f'mudelli eżemplari ta' trasparenza u responsabbiltà pubblika għall-UE kollha;	6. ***Jitlob*** lill-Kunsill jimpenja ruħu f'negozjati kostruttivi mal-Parlament u mal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, sabiex dawn it-tliet istituzzjonijiet ewlenin tal-UE jinbidlu f'mudelli eżemplari ta' trasparenza u responsabbiltà pubblika għall-UE kollha; ***jissottolinja li filwaqt li t-trasparenza tal-istituzzjonijiet hija essenzjali fir-relazzjonijiet tagħhom maċ-ċittadini, din ma tridx iddgħajjef il-ħidma ta' negozjar politiku li tista' tiġi mxekkla minn domanda għal trasparenza eċċessiva li twassal għal żieda sostanzjali fil-laqgħat informali, u b'hekk tipproduċi l-effett oppost;***
	Or. fr

Emenda 25
Peter Agius

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. ***Iħeġġeġ*** lill-Kunsill jimpenja ruħu f'negozjati kostruttivi mal-Parlament u mal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001***, sabiex dawn it-tliet istituzzjonijiet ewlenin tal-UE jinbidlu f'mudelli eżemplari ta' trasparenza u responsabbiltà*** pubblika ***għall-UE kollha***;	6. ***Jissottolinja li l-aċċess pubbliku għad-dokumenti huwa dritt fundamentali taċ-ċittadini tal-UE u pedament tad-demokrazija Ewropea. L-iżviluppi teknoloġiċi u soċjetali mill-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 jitolbu li tiġi kkunsidrata konsolidazzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini għall-aċċess għad-dokumenti; jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra proposta għal reviżjoni u jħeġġeġ*** lill-Kunsill jimpenja ruħu f'negozjati kostruttivi mal-Parlament u mal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 ***biex jittejbu t-trasparenza u r-responsabbiltà*** pubblika ***fl-UE***;

Or. en

Emenda 26
Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Iħeġġeġ lill-Kunsill jimpenja ruħu f'negozjati kostruttivi mal-Parlament u mal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni ***tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001***, sabiex dawn it-tliet istituzzjonijiet ewlenin tal-UE jinbidlu f'mudelli eżemplari ta' trasparenza u responsabbiltà pubblika għall-UE kollha;	6. Iħeġġeġ lill-Kunsill ***jirrikonoxxi l-ħtieġa li ssir reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u*** jimpenja ruħu***, mingħajr aktar dewmien,*** f'negozjati kostruttivi mal-Parlament u mal-Kummissjoni dwar ***din*** ir-reviżjoni, sabiex dawn it-tliet istituzzjonijiet ewlenin tal-UE jinbidlu f'mudelli eżemplari ta' trasparenza u responsabbiltà pubblika għall-UE kollha;

Or. en

Emenda 27
Virginie Joron, Pál Szekeres, Georg Mayer, Fabrice Leggeri, Mireia Borrás Pabón, Sebastian Kruis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Iħeġġeġ lill-Kunsill jimpenja ruħu f'negozjati kostruttivi mal-Parlament u mal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, sabiex dawn it-tliet istituzzjonijiet ewlenin tal-UE jinbidlu f'mudelli eżemplari ta' trasparenza u responsabbiltà pubblika għall-UE kollha;	6. Iħeġġeġ lill-Kunsill jimpenja ruħu f'negozjati kostruttivi mal-Parlament u mal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, sabiex dawn it-tliet istituzzjonijiet ewlenin tal-UE***, inkluża l-presidenza tagħhom,*** jinbidlu f'mudelli eżemplari ta' trasparenza u responsabbiltà pubblika għall-UE kollha;

Or. fr

Emenda 28
Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jemmen bis-sħiħ li kwalunkwe reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 trid tirriżulta fit-tisħiħ tal-aċċess pubbliku għaċ-ċittadini u r-residenti tal-UE għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni; huwa konvint bis-sħiħ li l-punt tat-tluq għal kwalunkwe negozjar futur irid ikun ibbażat fuq il-pożizzjoni diġà adottata mill-Parlament, filwaqt li jinsisti li test emendat, bħala minimu assolut, irid: jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament għall-istituzzjonijiet, l-uffiċċji, il-korpi u l-aġenziji kollha tal-UE; ittejjeb it-trasparenza leġiżlattiva, inkluż l-aċċess għal opinjonijiet legali leġiżlattivi, fejn kwalunkwe użu ta' eċċezzjonijiet għandu jikkostitwixxi eżenzjoni mir-regola ġenerali tat-trasparenza; jinkludi l-Konvenzjoni ta' Aarhus; jiżgura trasparenza u aċċess xieraq għad-dokumenti fir-rigward ta' ftehimiet u

negozjati internazzjonali; iqis li d-definizzjoni ta' "dokument" tirreferi wkoll b'mod espliċitu għal messaġġi testwali, istantanji kif ukoll emails, li jappartjenu għal attivitajiet professjonali;

Or. en

Emenda 29
Jana Toom, Michał Kobosko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Japprova l-konklużjonijiet tar-rapport speċjali tal-Ombudsman[4] lill-Parlament Ewropew dwar iż-żmien li tieħu l-Kummissjoni Ewropea biex tittratta t-talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti ***u jinsab imħasseb dwar il-valutazzjoni tal-Ombudsman li dan id-dewmien sistemiku u sinifikanti fl-ipproċessar mill-Kummissjoni tat-talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti jammonta għal amministrazzjoni ħażina***; jissottolinja kemm huwa importanti li l-Kummissjoni tiddedika aktar riżorsi biex tittratta t-talbiet konfermatorji skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u ***jistieden lill-Kummissjoni tirretifika din is-sitwazzjoni bħala kwistjoni ta' urġenza u ttejjeb il-prattika tagħha li tittratta t-talbiet konfermatorji; jirrikonoxxi l-importanza tat-trattament f'waqtu tat-talbiet għall-aċċess għad-dokumenti mill-istituzzjonijiet kollha***; ifakkar lill-Kummissjoni dwar id-dritt tal-Parlament li jressaq azzjoni kontriha quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea abbażi ta' ksur tat-Trattati u jistenna impenn ċar u inekwivoku mill-Kulleġġ tal-Kummissarji l-ġdid biex jirrimedja din is-sitwazzjoni;	7. Japprova l-konklużjonijiet tar-rapport speċjali tal-Ombudsman[4] lill-Parlament Ewropew dwar iż-żmien li tieħu l-Kummissjoni Ewropea biex tittratta t-talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti; jissottolinja kemm huwa importanti li l-Kummissjoni tiddedika aktar riżorsi biex tittratta t-talbiet konfermatorji skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u ***l-ħtieġa ta' trasparenza aktar proattiva u approċċ aktar kostruttiv lejn ir-rikjedenti; jistieden lill-Kummissjoni tikkoreġi din is-sitwazzjoni bħala kwistjoni ta' prijorità billi tirriforma l-ġestjoni tagħha tal-aċċess pubbliku għad-dokumenti***; ifakkar lill-Kummissjoni dwar id-dritt tal-Parlament li jressaq azzjoni kontriha quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea abbażi ta' ksur tat-Trattati u jistenna impenn ċar u inekwivoku mill-Kulleġġ tal-Kummissarji l-ġdid biex jirrimedja din is-sitwazzjoni;

[4] Rapport Speċjali tal-Ombudsman Ewropew fl-inkjesta strateġika tagħha dwar

[4] Rapport Speċjali tal-Ombudsman Ewropew fl-inkjesta strateġika tagħha dwar

iż-żmien li tieħu l-Kummissjoni Ewropea biex tindirizza talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti (OI/2/2022/OAM).

iż-żmien li tieħu l-Kummissjoni Ewropea biex tindirizza talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti (OI/2/2022/OAM).

Or. en

Emenda 30
Peter Agius

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Japprova l-konklużjonijiet tar-rapport speċjali tal-Ombudsman[4] lill-Parlament Ewropew dwar iż-żmien li tieħu l-Kummissjoni Ewropea biex tittratta t-talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti u jinsab imħasseb dwar il-valutazzjoni tal-Ombudsman li dan id-dewmien ***sistemiku u sinifikanti*** fl-ipproċessar mill-Kummissjoni tat-talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti jammonta għal amministrazzjoni ħażina; jissottolinja kemm huwa importanti li l-Kummissjoni tiddedika aktar riżorsi biex tittratta t-talbiet konfermatorji skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u jistieden lill-Kummissjoni tirretifika din is-sitwazzjoni bħala kwistjoni ta' urġenza u ttejjeb il-prattika tagħha li tittratta t-talbiet konfermatorji; jirrikonoxxi l-importanza tat-trattament f'waqtu tat-talbiet għall-aċċess għad-dokumenti mill-istituzzjonijiet kollha; ***ifakkar lill-Kummissjoni dwar id-dritt tal-Parlament li jressaq azzjoni kontriha quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea abbażi ta' ksur tat-Trattati u*** jistenna impenn ċar u inekwivoku mill-Kulleġġ tal-Kummissarji l-ġdid biex jirrimedja din is-sitwazzjoni;	7. Japprova l-konklużjonijiet tar-rapport speċjali tal-Ombudsman[4] lill-Parlament Ewropew dwar iż-żmien li tieħu l-Kummissjoni Ewropea biex tittratta t-talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti u jinsab imħasseb dwar il-valutazzjoni tal-Ombudsman li dan id-dewmien fl-ipproċessar mill-Kummissjoni tat-talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti jammonta għal amministrazzjoni ħażina; jissottolinja kemm huwa importanti li l-Kummissjoni tiddedika aktar riżorsi biex tittratta t-talbiet konfermatorji skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u jistieden lill-Kummissjoni tirretifika din is-sitwazzjoni bħala kwistjoni ta' urġenza u ttejjeb il-prattika tagħha li tittratta t-talbiet konfermatorji; jirrikonoxxi l-importanza tat-trattament f'waqtu tat-talbiet għall-aċċess għad-dokumenti mill-istituzzjonijiet kollha; jistenna impenn ċar u inekwivoku mill-Kulleġġ tal-Kummissarji l-ġdid biex jirrimedja din is-sitwazzjoni;

[4] Rapport Speċjali tal-Ombudsman Ewropew fl-inkjesta strateġika tagħha dwar iż-żmien li tieħu l-Kummissjoni Ewropea biex tindirizza talbiet għal aċċess pubbliku

[4] Rapport Speċjali tal-Ombudsman Ewropew fl-inkjesta strateġika tagħha dwar iż-żmien li tieħu l-Kummissjoni Ewropea biex tindirizza talbiet għal aċċess pubbliku

għad-dokumenti (OI/2/2022/OAM).

għad-dokumenti (OI/2/2022/OAM).

Or. en

Emenda 31
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Japprova l-konklużjonijiet tar-rapport speċjali tal-Ombudsman[4] lill-Parlament Ewropew dwar iż-żmien li tieħu l-Kummissjoni Ewropea biex tittratta t-talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti u jinsab imħasseb dwar il-valutazzjoni tal-Ombudsman li dan id-dewmien sistemiku u sinifikanti fl-ipproċessar mill-Kummissjoni tat-talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti jammonta għal amministrazzjoni ħażina; jissottolinja kemm huwa importanti li l-Kummissjoni tiddedika aktar riżorsi biex tittratta t-talbiet konfermatorji skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u jistieden lill-Kummissjoni tirretifika din is-sitwazzjoni bħala kwistjoni ta' urġenza u ttejjeb il-prattika tagħha li tittratta t-talbiet konfermatorji; jirrikonoxxi l-importanza tat-trattament f'waqtu tat-talbiet għall-aċċess għad-dokumenti mill-istituzzjonijiet kollha; ifakkar lill-Kummissjoni dwar id-dritt tal-Parlament li jressaq azzjoni kontriha quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea abbażi ta' ksur tat-Trattati u jistenna impenn ċar u inekwivoku mill-Kulleġġ tal-Kummissarji l-ġdid biex jirrimedja din is-sitwazzjoni;	7. Japprova l-konklużjonijiet tar-rapport speċjali tal-Ombudsman[4] lill-Parlament Ewropew dwar iż-żmien li tieħu l-Kummissjoni Ewropea biex tittratta t-talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti u jinsab imħasseb dwar il-valutazzjoni tal-Ombudsman li dan id-dewmien sistemiku u sinifikanti fl-ipproċessar mill-Kummissjoni tat-talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti jammonta għal amministrazzjoni ħażina; jissottolinja kemm huwa importanti li l-Kummissjoni tiddedika aktar riżorsi biex tittratta t-talbiet konfermatorji skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u jistieden lill-Kummissjoni tirretifika din is-sitwazzjoni bħala kwistjoni ta' urġenza u ttejjeb il-prattika tagħha li tittratta t-talbiet konfermatorji***; jinnota li meta lment ma jkunx jaqa' fl-ambitu tal-mandat tal-Ombudsman, l-Ombudsman tista' tagħti parir lill-ilmentatur biex jirreferi l-kwistjoni lil awtorità oħra jew lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet***; jirrikonoxxi l-importanza tat-trattament f'waqtu tat-talbiet għall-aċċess għad-dokumenti mill-istituzzjonijiet kollha; ifakkar lill-Kummissjoni dwar id-dritt tal-Parlament li jressaq azzjoni kontriha quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea abbażi ta' ksur tat-Trattati u jistenna impenn ċar u inekwivoku mill-Kulleġġ tal-Kummissarji l-ġdid biex jirrimedja din is-sitwazzjoni;

[4] Rapport Speċjali tal-Ombudsman

[4] Rapport Speċjali tal-Ombudsman

Ewropew fl-inkjesta strateġika tagħha dwar iż-żmien li tieħu l-Kummissjoni Ewropea biex tindirizza talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti (OI/2/2022/OAM).

Ewropew fl-inkjesta strateġika tagħha dwar iż-żmien li tieħu l-Kummissjoni Ewropea biex tindirizza talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti (OI/2/2022/OAM).

Or. en

Emenda 32
Fidias Panayiotou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Japprova l-konklużjonijiet tar-rapport speċjali tal-Ombudsman[4] lill-Parlament Ewropew dwar iż-żmien li tieħu l-Kummissjoni Ewropea biex tittratta t-talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti u jinsab imħasseb dwar il-valutazzjoni tal-Ombudsman li dan id-dewmien sistemiku u sinifikanti fl-ipproċessar mill-Kummissjoni tat-talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti jammonta għal amministrazzjoni ħażina; jissottolinja kemm huwa importanti li l-Kummissjoni tiddedika aktar riżorsi biex tittratta t-talbiet konfermatorji skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 ***u jistieden*** lill-Kummissjoni tirretifika din is-sitwazzjoni bħala kwistjoni ta' ***urġenza*** u ttejjeb ***il-prattika*** tagħha li tittratta t-talbiet konfermatorji; jirrikonoxxi l-importanza tat-trattament f'waqtu tat-talbiet għall-aċċess għad-dokumenti mill-istituzzjonijiet kollha; ifakkar lill-Kummissjoni dwar id-dritt tal-Parlament li jressaq azzjoni kontriha quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea abbażi ta' ksur tat-Trattati u jistenna impenn ċar u inekwivoku mill-Kulleġġ tal-Kummissarji l-ġdid biex jirrimedja din is-sitwazzjoni;	7. Japprova l-konklużjonijiet tar-rapport speċjali tal-Ombudsman***[1]*** lill-Parlament Ewropew dwar iż-żmien li tieħu l-Kummissjoni Ewropea biex tittratta t-talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti u jinsab imħasseb dwar il-valutazzjoni tal-Ombudsman li dan id-dewmien sistemiku u sinifikanti fl-ipproċessar mill-Kummissjoni tat-talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti jammonta għal amministrazzjoni ħażina; jissottolinja kemm huwa importanti li l-Kummissjoni tiddedika aktar riżorsi biex tittratta t-talbiet konfermatorji skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001***, ifakkar*** lill-Kummissjoni ***li diġà għaddiet sena minn meta r-rapport speċjali tal-Ombudsman irrakkomanda li l-Kummissjoni tikkoreġi dik is-sitwazzjoni bħala kwistjoni ta' prijorità*** tirretifika din is-sitwazzjoni bħala kwistjoni ta' ***prijorità*** u ttejjeb ***b'urġenza l-prattika*** tagħha li tittratta t-talbiet konfermatorji; jirrikonoxxi l-importanza tat-trattament f'waqtu tat-talbiet għall-aċċess għad-dokumenti mill-istituzzjonijiet kollha; ifakkar lill-Kummissjoni dwar id-dritt tal-Parlament li jressaq azzjoni kontriha quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea abbażi ta' ksur tat-Trattati u jistenna impenn ċar u inekwivoku mill-Kulleġġ tal-Kummissarji l-ġdid biex jirrimedja din is-sitwazzjoni; ***[1] Rapport Speċjali tal-Ombudsman***

Ewropew fl-inkjesta strateġika tagħha dwar iż-żmien li tieħu l-Kummissjoni Ewropea biex tindirizza talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti (OI/2/2022/OAM).

---

[4] Rapport Speċjali tal-Ombudsman Ewropew fl-inkjesta strateġika tagħha dwar iż-żmien li tieħu l-Kummissjoni Ewropea biex tindirizza talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti (OI/2/2022/OAM).

Or. en

Emenda 33
Virginie Joron, Pál Szekeres, Georg Mayer, Fabrice Leggeri, Mireia Borrás Pabón, Sebastian Kruis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Japprova l-konklużjonijiet tar-rapport speċjali tal-Ombudsman[4]lill-Parlament Ewropew dwar iż-żmien li tieħu l-Kummissjoni Ewropea biex tittratta t-talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti u jinsab imħasseb dwar il-valutazzjoni tal-Ombudsman li dan id-dewmien sistemiku u sinifikanti fl-ipproċessar mill-Kummissjoni tat-talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti jammonta għal amministrazzjoni ħażina; jissottolinja kemm huwa importanti li l-Kummissjoni tiddedika aktar riżorsi biex tittratta t-talbiet konfermatorji skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u jistieden lill-Kummissjoni tirretifika din is-sitwazzjoni bħala kwistjoni ta' urġenza u ttejjeb il-prattika tagħha li tittratta t-talbiet konfermatorji; jirrikonoxxi l-importanza tat-trattament f'waqtu tat-talbiet għall-aċċess għad-dokumenti mill-istituzzjonijiet kollha; ifakkar lill-Kummissjoni dwar id-dritt tal-Parlament li jressaq azzjoni	7. Japprova l-konklużjonijiet tar-rapport speċjali tal-Ombudsman[4] lill-Parlament Ewropew dwar iż-żmien li tieħu l-Kummissjoni Ewropea biex tittratta t-talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti u jinsab imħasseb dwar il-valutazzjoni tal-Ombudsman li dan id-dewmien sistemiku u sinifikanti fl-ipproċessar mill-Kummissjoni tat-talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti jammonta għal amministrazzjoni ħażina; jissottolinja kemm huwa importanti li l-Kummissjoni tiddedika aktar riżorsi biex tittratta t-talbiet konfermatorji skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u jistieden lill-Kummissjoni tirretifika din is-sitwazzjoni bħala kwistjoni ta' urġenza u ttejjeb il-prattika tagħha li tittratta t-talbiet konfermatorji; jirrikonoxxi l-importanza tat-trattament f'waqtu tat-talbiet għall-aċċess għad-dokumenti mill-istituzzjonijiet kollha; ifakkar lill-Kummissjoni dwar id-dritt tal-Parlament li jressaq azzjoni

kontriha quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea abbażi ta' ksur tat-Trattati u jistenna impenn ċar u inekwivoku mill-Kulleġġ tal-Kummissarji l-ġdid ***biex jirrimedja*** din is-sitwazzjoni;	kontriha quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea abbażi ta' ksur tat-Trattati u jistenna impenn ċar u inekwivoku ***kemm*** mill-Kulleġġ tal-Kummissarji l-ġdid ***kif ukoll mill-President tiegħu biex jirrimedjaw*** din is-sitwazzjoni;
[4] Rapport Speċjali tal-Ombudsman Ewropew fl-inkjesta strateġika tagħha dwar iż-żmien li tieħu l-Kummissjoni Ewropea biex tindirizza talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti (OI/2/2022/OAM).	[4] Rapport Speċjali tal-Ombudsman Ewropew fl-inkjesta strateġika tagħha dwar iż-żmien li tieħu l-Kummissjoni Ewropea biex tindirizza talbiet għal aċċess pubbliku għad-dokumenti (OI/2/2022/OAM).
	Or. fr

Emenda 34
Maria Zacharia, Fidias Panayiotou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. ifakkar fir-rifjut tal-Kummissjoni fl-2002 u l-ilment tal-Ombudsman dwar amministrazzjoni ħażina b'rabta mar-rifjut tagħha li tagħti aċċess sħiħ għall-messaġġi testwali bejn il-President tal-Kummissjoni, Ursula von der Leyen, u l-uffiċjal kap eżekuttiv tal-ġgant farmaċewtiku Pfizer, Albert Bourla, fir-rigward tal-kuntratti għall-vaċċini kontra l-COVID-19;
	Or. el

Emenda 35
Fidias Panayiotou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Japprova l-valutazzjoni tar-rapport

speċjali tal-Ombudsman li jissottolinka li sakemm il-Kummissjoni, fl-ogħla livelli, ma turix fil-prattika li t-trasparenza hija r-regola u prijorità għall-istituzzjoni, it-trattament tagħha tat-talbiet se jkompli jiddewwem.

Or. en

Emenda 36
Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. ***Jieħu nota tal-inkjesta*** tal-Ombudsman dwar sa liema punt il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea japplikaw id-dritt tal-UE u d-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' talbiet għal aċċess pubbliku għal dokumenti leġiżlattivi, li fiha l-Ombudsman saħqet fuq il-ħtieġa li tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini tal-UE fil-proċess tat-tfassil tal-liġijiet tal-UE;	8. ***Japprezza l-inkjesta*** tal-Ombudsman dwar sa liema punt il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea japplikaw id-dritt tal-UE u d-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' talbiet għal aċċess pubbliku għal dokumenti leġiżlattivi, li fiha l-Ombudsman saħqet fuq il-ħtieġa li ***jiġi żgurat aċċess pubbliku f'waqtu għad-dokumenti leġiżlattivi kif ukoll li*** tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini tal-UE fil-proċess tat-tfassil tal-liġijiet tal-UE; ***jissottolinja li l-Ombudsman innotat bi tħassib li l-inkjesti tal-passat relatati ma' aċċess pubbliku insuffiċjenti u mdewwem issuġġerew li dawn l-istituzzjonijiet ma kinux qed jagħtu effett sħiħ lid-dritt tal-UE u lill-ġurisprudenza relatata; jiddispjaċih li l-istituzzjonijiet tal-UE, biex jirrifjutaw li jiżvelaw dokumenti leġiżlattivi, f'xi każijiet ippreżentaw biss argumenti ġenerali jew saħansitra l-istess argumenti li kienu ġew miċħuda preċedentement mill-Qrati tal-UE; ifakkar li skont il-ġurisprudenza tal-UE, l-istituzzjonijiet tal-UE jistgħu jirrifjutaw biss li jiżvelaw dokumenti leġiżlattivi f'ċirkostanzi eċċezzjonali u r-raġunament tagħhom biex jagħmlu dan irid ikun***

ibbażat fuq fatti speċifiċi u tanġibbli;

Or. en

Emenda 37
Jana Toom, Michał Kobosko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jieħu nota tal-inkjesta tal-Ombudsman dwar sa liema punt il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea japplikaw id-dritt tal-UE u d-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' talbiet għal aċċess pubbliku għal dokumenti leġiżlattivi, li fiha l-Ombudsman saħqet fuq il-ħtieġa li tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini tal-UE fil-proċess tat-tfassil tal-liġijiet tal-UE;	8. Jieħu nota tal-inkjesta tal-Ombudsman dwar sa liema punt il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea japplikaw id-dritt tal-UE u d-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' talbiet għal aċċess pubbliku għal dokumenti leġiżlattivi, li fiha l-Ombudsman saħqet fuq il-ħtieġa li tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini tal-UE fil-proċess tat-tfassil tal-liġijiet tal-UE; ***jirrikonoxxi l-importanza tat-trattament f'waqtu tat-talbiet għall-aċċess għad-dokumenti mill-istituzzjonijiet kollha fit-trawwim ta' sens ta' fiduċja fil-proċess leġiżlattiv Ewropew;***

Or. en

Emenda 38
Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Ifakkar li l-pubbliċità u t-trasparenza huma l-prinċipji ewlenin li fuqhom huwa bbażat il-proċess leġiżlattiv tal-UE, kif ikkonfermat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li pprovdiet gwida legali ċara dwar il-mod kif jiġi żgurat ir-rispett sħiħ u konsistenti

tagħhom; ifakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja stipulat ukoll li n-nuqqas ta' trasparenza u informazzjoni jdgħajjef il-fiduċja taċ-ċittadini fil-leġittimità tal-proċess leġiżlattiv tal-UE kollu kemm hu;

Or. en

Emenda 39
Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jinsab partikolarment imħasseb li l-Ombudsman sabet amministrazzjoni ħażina fir-rifjut tal-Kummissjoni li tipprovdi aċċess għal dokumenti dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-industrija taċ-ċeramika rrapportati fl-ambitu tal-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet; ***jistieden lill-Kummissjoni*** tagħti ***attenzjoni partikolari lill-interess pubbliku prevalenti u tagħtih aktar attenzjoni meta tivvaluta l-possibbiltà li tiżvela dokumenti li jikkonċernaw l-emissjonijiet fl-ambjent***;	9. Jinsab partikolarment imħasseb li l-Ombudsman sabet amministrazzjoni ħażina fir-rifjut tal-Kummissjoni li tipprovdi aċċess għal dokumenti dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-industrija taċ-ċeramika rrapportati fl-ambitu tal-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet; ***jiddispjaċih li l-Kummissjoni rrifjutat il-proposta għal soluzzjoni tal-Ombudsman u żammet il-pożizzjoni adottata fid-deċiżjoni konfermatorja tagħha, u b'hekk naqset kemm milli tiżgura t-trasparenza meħtieġa kif ukoll milli*** tagħti ***effett sħiħ lir-Regolament tal-UE ta' Aarhus u l-Konvenzjoni ta' Aarhus; jistieden lill-Kummissjoni tiggarantixxi aċċess pubbliku sħiħ għall-informazzjoni ambjentali u parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet anki b'rabta mal-ambjent***;

Or. en

Emenda 40
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jinsab partikolarment imħasseb li l-Ombudsman sabet amministrazzjoni ħażina fir-rifjut tal-Kummissjoni li tipprovdi aċċess għal dokumenti dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-industrija taċ-ċeramika rrapportati fl-ambitu tal-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari lill-interess pubbliku prevalenti u tagħtih aktar attenzjoni meta tivvaluta l-possibbiltà li tiżvela dokumenti li jikkonċernaw l-emissjonijiet fl-ambjent;	9. Jinsab partikolarment imħasseb li l-Ombudsman sabet amministrazzjoni ħażina fir-rifjut tal-Kummissjoni li tipprovdi aċċess għal dokumenti dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-industrija taċ-ċeramika rrapportati fl-ambitu tal-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet; jistieden ***lill-Ombudsman tkompli tqajjem kuxjenza dwar is-sejbiet tal-investigazzjonijiet rigward in-negozjati kummerċjali tal-UE u pajjiżi terzi li jistgħu jwasslu għal żieda fit-trasparenza tal-ftehimiet kummerċjali tal-UE; jistieden*** lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari lill-interess pubbliku prevalenti u tagħtih aktar attenzjoni meta tivvaluta l-possibbiltà li tiżvela dokumenti li jikkonċernaw l-emissjonijiet fl-ambjent;

Or. en

Emenda 41
Virginie Joron, Pál Szekeres, Georg Mayer, Fabrice Leggeri, Mireia Borrás Pabón, Sebastian Kruis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jinsab partikolarment imħasseb li l-Ombudsman sabet amministrazzjoni ħażina fir-rifjut tal-Kummissjoni li tipprovdi aċċess għal dokumenti dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-industrija taċ-ċeramika rrapportati fl-ambitu tal-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari lill-interess pubbliku prevalenti u tagħtih aktar attenzjoni meta tivvaluta l-possibbiltà li tiżvela dokumenti li jikkonċernaw l-emissjonijiet fl-ambjent;	9. Jinsab partikolarment imħasseb li l-Ombudsman sabet amministrazzjoni ħażina fir-rifjut tal-Kummissjoni li tipprovdi aċċess ***– bħal ma ġara wkoll fil-kuntratti kollha konklużi mill-2020 mal-industriji farmaċewtiċi*** – għal dokumenti dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-industrija taċ-ċeramika rrapportati fl-ambitu tal-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari lill-interess pubbliku prevalenti u tagħtih aktar attenzjoni meta tivvaluta l-possibbiltà li tiżvela dokumenti li jikkonċernaw l-emissjonijiet fl-ambjent;

Or. fr

Emenda 42
Fidias Panayiotou, Maria Zacharia, Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Huwa mħasseb ħafna li r-rifjut tal-Kummissjoni li tipprovdi aċċess għal dokumenti dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra rrappurtati taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, jestendi għal aktar faċilitajiet industrijali, minbarra l-industrija taċ-ċeramika, u jistieden lill-Kummissjoni tiżgura aċċess pubbliku sħiħ għall-informazzjoni ambjentali";

Or. en

Emenda 43
Emmanouil Fragkos, Galato Alexandraki

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9a. Jiddeplora n-nuqqas ta' inizjattivi b'appoġġ għaċ-ċittadini li jressqu appelli relatati mal-abbuż gravi tal-ambjent minn kumpaniji tal-enerġija mir-riħ u mix-xemx fejn ma hemm l-ebda benefiċċju sinifikanti għall-komunitajiet lokali;

Or. el

Emenda 44
Emmanouil Fragkos, Galato Alexandraki

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 9b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9b. Jiddeplora n-nuqqas ta' interventi li jappoġġjaw il-liġi tal-kompetizzjoni Ewropea fis-swieq tal-enerġija, tal-ikel, tat-trasport u tat-telekomunikazzjonijiet, li huma kompletament ikkontrollati minn prattiki monopolistiċi;

Or. el

Emenda 45
Emmanouil Fragkos, Galato Alexandraki

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	9c. Jiddeplora n-nuqqas ta' interventi b'appoġġ għaċ-ċittadini Griegi li ripetutament tkeċċew minn Istanbul, Imbros u Tenedos, bi ksur tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Lausanne;

Or. el

Emenda 46
Peter Agius

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. ***Japprova l-intenzjoni tal-Ombudsman li twettaq inkjesta usa' dwar kif l-ambitu tal-informazzjoni ambjentali u l-informazzjoni relatata mal-emissjonijiet fl-ambjent huwa interpretat mill-Kummissjoni;*** ifaħħar lill-Ombudsman talli enfasizzat li l-UE għandha obbligu li tiżgura livell għoli ta' aċċess pubbliku għall-informazzjoni	10. Ifaħħar lill-Ombudsman talli enfasizzat li l-UE għandha obbligu li tiżgura livell għoli ta' aċċess pubbliku għall-informazzjoni ambjentali u l-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet relatati mal-ambjent;

ambjentali u l-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet relatati mal-ambjent;

Or. en

Emenda 47
Jana Toom, Michał Kobosko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Japprova l-intenzjoni tal-Ombudsman li twettaq inkjesta usa' dwar kif l-ambitu tal-informazzjoni ambjentali u l-informazzjoni relatata mal-emissjonijiet fl-ambjent huwa interpretat mill-Kummissjoni; ***ifaħħar lill-Ombudsman talli enfasizzat*** li l-UE għandha obbligu li tiżgura livell għoli ta' aċċess pubbliku għall-informazzjoni ambjentali u l-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet relatati mal-ambjent;	10. Japprova l-intenzjoni tal-Ombudsman li twettaq inkjesta usa' dwar kif l-ambitu tal-informazzjoni ambjentali u l-informazzjoni relatata mal-emissjonijiet fl-ambjent huwa interpretat mill-Kummissjoni; ***ifakkar li għadd konsiderevoli ta' petizzjonijiet lill-Parlament Ewropew jikkonċernaw in-nuqqas ta' informazzjoni ambjentali jew l-aċċess limitat għaliha; jenfasizza*** li l-UE għandha obbligu li tiżgura livell għoli ta' aċċess pubbliku għall-informazzjoni ambjentali u l-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet relatati mal-ambjent;

Or. en

Emenda 48
Fidias Panayiotou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Japprova l-intenzjoni tal-Ombudsman li twettaq inkjesta usa' dwar kif l-ambitu tal-informazzjoni ambjentali u l-informazzjoni relatata mal-emissjonijiet fl-ambjent huwa interpretat mill-Kummissjoni; ifaħħar lill-Ombudsman talli enfasizzat li l-UE ***għandha*** obbligu li ***tiżgura*** livell għoli ta' aċċess pubbliku	10. Japprova l-intenzjoni tal-Ombudsman li twettaq inkjesta usa' dwar kif l-ambitu tal-informazzjoni ambjentali u l-informazzjoni relatata mal-emissjonijiet fl-ambjent huwa interpretat mill-Kummissjoni; ifaħħar lill-Ombudsman talli enfasizzat li l-UE ***u l-Kummissjoni b'mod partikolari għandhom*** obbligu li ***jiżguraw***

għall-informazzjoni ambjentali u l-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet relatati mal-ambjent;

livell għoli ta' aċċess pubbliku għall-informazzjoni ambjentali u l-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet relatati mal-ambjent;

Or. en

Emenda 49
Maria Zacharia, Fidias Panayiotou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jistieden lill-Kunsill jippermetti aċċess pubbliku sħiħ għall-opinjoni legali dwar id-direttiva proposta tal-UE dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea, kif irrakkomandat mill-Ombudsman, li sabet evidenza ta' amministrazzjoni ħażina f'din il-kwistjoni;

Or. el

Emenda 50
Fidias Panayiotou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jistieden lill-Ombudsman twettaq inkjesta usa' dwar l-aċċess għad-dokumenti relatati mal-faċilitajiet industrijali taħt il-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet u rigward id-distorsjonijiet possibbli tas-suq Ewropew tal-karbonju kkawżati min-nuqqas ta' aċċess għad-dokumenti.

Or. en

Emenda 51
Kosma Złotowski, Ivaylo Valchev, Galato Alexandraki

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. ***Jifraħ lill-Ombudsman għall-isforzi tagħha biex tkompli tikkontribwixxi għall-kjarifika ta' x'jikkostitwixxi dokument tal-UE u jisħaq li huwa essenzjali li l-istituzzjonijiet tal-UE jsegwu r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman sabiex jadattaw il-prattiki amministrattivi tagħhom biex iqisu l-mezzi ta' komunikazzjoni li qed jevolvu***;	11. ***Jiddispjaċih li l-kwistjoni ta' x'jikkostitwixxi dokument tal-UE baqgħet kwistjoni fl-2023; jilqa' l-inkjesta fuq inizjattiva proprja tal-Ombudsman dwar in-nuqqas tal-Kummissjoni li tirrilaxxa emails fl-ambitu ta' talba għal aċċess rigward skambji dwar abbozzi ta' strateġiji tal-UE dwar il-ħamrija, il-foresti u l-adattament għat-tibdil fil-klima; ifakkar li l-messaġġi testwali u istantanji relatati max-xogħol huma "dokumenti" skont ir-Regolament 1049/2001 u jisħaq li r-rispett ta' dan il-prinċipju huwa ta' importanza partikolari***;

Or. en

Emenda 52
Cristian Terheş

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jifraħ lill-Ombudsman għall-isforzi tagħha biex tkompli tikkontribwixxi għall-kjarifika ta' x'jikkostitwixxi dokument tal-UE u jisħaq li huwa essenzjali li l-istituzzjonijiet tal-UE jsegwu r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman sabiex jadattaw il-prattiki amministrattivi tagħhom biex iqisu l-mezzi ta' komunikazzjoni li qed jevolvu;	11. Jifraħ lill-Ombudsman għall-isforzi tagħha biex tkompli tikkontribwixxi għall-kjarifika ta' x'jikkostitwixxi dokument tal-UE u jisħaq li huwa essenzjali li l-istituzzjonijiet tal-UE jsegwu r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman sabiex jadattaw il-prattiki amministrattivi tagħhom biex iqisu l-mezzi ta' komunikazzjoni li qed jevolvu; ***Ifakkar bi thassib kbir li fl-2021, wara talba għal aċċess pubbliku għall-messaġġi testwali li ġew skambjati bejn il-President tal-Kummissjoni u l-uffiċjal kap eżekuttiv ta' kumpanija farmaċewtika dwar ix-xiri ta' vaċċini kontra l-COVID-19, il-***

Kummissjoni rrifjutat li tirrikonoxxi li tali messaġġi testwali jaqgħu fid-definizzjoni ta' "dokument" skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001; jinnota li, anke jekk il-Kummissjoni jkollha tirreġistra u tfittex tali messaġġi testwali, xorta tista' tiddeċiedi li ma tagħtix aċċess pubbliku shih għalihom jekk l-eċċezzjonijiet elenkati fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001, bħall-interessi kummerċjali, ikunu japplikaw; ifakkar li r-reġistrazzjoni ta' dokument hija konsegwenza tal-eżistenza ta' dokument u mhux prerekwiżit għall-eżistenza tiegħu; jieħu nota tas-sejba tal-Ombudsman ta' amministrazzjoni ħażina mill-Kummissjoni f'dan il-każ(32); jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-Kummissjoni naqset milli tagħti segwitu għar-rakkomandazzjoni tal-Ombudsman wara l-inkjesta tagħha biex terġa' ssir tfittxija oħra għal messaġġi testwali rilevanti; jistieden lill-Kummissjoni twettaq tfittxija shiha mingħajr dewmien; jesprimi thassib serju dwar id-distanza dejjem tikber bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet tal-UE, li din is-sitwazzjoni kkawżat;

Or. en

Emenda 53
Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. ***Jifraħ*** lill-Ombudsman ***għall-isforzi*** tagħha ***biex tkompli tikkontribwixxi għall-kjarifika*** ta' x'jikkostitwixxi dokument tal-UE u jisħaq li huwa essenzjali li l-istituzzjonijiet tal-UE jsegwu r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman sabiex jadattaw il-prattiki amministrattivi tagħhom biex iqisu l-mezzi ta' komunikazzjoni li qed jevolvu;	11. ***Jappoġġja*** lill-Ombudsman ***fil-kjarifika*** tagħha ta' x'jikkostitwixxi dokument tal-UE u jisħaq li huwa essenzjali li l-istituzzjonijiet tal-UE jsegwu r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman sabiex jadattaw il-prattiki amministrattivi tagħhom biex iqisu l-mezzi ta' komunikazzjoni li qed jevolvu***, peress li skont it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, iċ-ċittadini u l-persuni***

ġuridiċi li jirrisjedu fl-UE għandhom id-dritt ta' aċċess għal kwalunkwe dokument miżmum minn kważi l-istituzzjonijiet kollha tal-UE; jissottolinja li dan id-dritt huwa soġġett biss għal għadd limitat ħafna ta' eċċezzjonijiet u japplika għal dokumenti elettroniċi u fiżiċi bil-miktub kif ukoll għal reġistrazzjonijiet awdjo u awdjoviżivi relatati mal-politiki, l-attivitajiet u d-deċiżjonijiet tal-istituzzjonijiet;

Or. en

Emenda 54
Fidias Panayiotou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jifraħ lill-Ombudsman għall-isforzi tagħha biex tkompli tikkontribwixxi għall-kjarifika ta' x'jikkostitwixxi dokument tal-UE u ***jisħaq li huwa essenzjali li l-istituzzjonijiet tal-UE jsegwu r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman sabiex jadattaw il-prattiki amministrattivi tagħhom biex iqisu l-mezzi*** ta' komunikazzjoni li qed jevolvu;	11. Jifraħ lill-Ombudsman għall-isforzi tagħha biex tkompli tikkontribwixxi għall-kjarifika ta' x'jikkostitwixxi dokument tal-UE u ***jistieden lill-Kummissjoni l-ġdida tippreżenta b'urġenza lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta riveduta tar-Regolament 1049/2001 li taġġorna d-definizzjoni ta' dokument tal-UE, filwaqt li tqis il-mezzi*** ta' komunikazzjoni li qed jevolvu***, bħall-messaġġi testwali u istantanji***;

Or. en

Emenda 55
Peter Agius

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jifraħ lill-Ombudsman għall-isforzi tagħha biex tkompli tikkontribwixxi għall-	11. Jifraħ lill-Ombudsman għall-isforzi tagħha biex tkompli tikkontribwixxi għall-

kjarifika ta’ x’jikkostitwixxi dokument tal-UE u jisħaq li ***huwa essenzjali li*** l-istituzzjonijiet tal-UE ***jsegwu*** r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman sabiex jadattaw il-prattiki amministrattivi tagħhom biex iqisu l-mezzi ta’ komunikazzjoni li qed jevolvu;	kjarifika ta’ x’jikkostitwixxi dokument tal-UE u jisħaq li l-istituzzjonijiet tal-UE ***għandhom isegwu*** r-rakkomandazzjonijiet tal-Ombudsman sabiex jadattaw il-prattiki amministrattivi tagħhom biex iqisu l-mezzi ta’ komunikazzjoni li qed jevolvu;

Or. en

Emenda 56
Emmanouil Fragkos, Galato Alexandraki

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Japprezza l-impenn tal-Ombudsman li tiddefendi d-drittijiet fundamentali fl-attivitajiet ta’ ġestjoni tal-fruntieri tal-istituzzjonijiet tal-UE billi nediet inkjesti dwar l-azzjonijiet tal-Frontex u tal-Kummissjoni f’dan il-qasam; jinnota li l-Ombudsman talbet aktar kjarifika mill-Kummissjoni dwar kif biħsiebha tiggarantixxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tal-Memorandum ta’ Qbil bejn l-UE u t-Tuneżija, fi sforz biex tiżgura li l-UE tikkonforma mal-obbligi tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem;	***imħassar***

Or. el

Emenda 57
Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Japprezza l-impenn tal-Ombudsman li tiddefendi d-drittijiet fundamentali ***fl-attivitajiet ta’ ġestjoni tal-***	12. Japprezza l-impenn tal-Ombudsman li tiddefendi d-drittijiet fundamentali ***fl-azzjonijiet relatati mal-***

fruntieri tal-istituzzjonijiet tal-UE billi nediet inkjesti dwar l-azzjonijiet tal-Frontex u tal-Kummissjoni f'dan il-qasam; jinnota li l-Ombudsman talbet aktar kjarifika mill-Kummissjoni dwar kif biħsiebha tiggarantixxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tal-Memorandum ta' Qbil bejn l-UE u t-Tuneżija, fi sforz biex tiżgura li l-UE tikkonforma mal-obbligi tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem;

migrazzjoni; jinnota li l-Ombudsman talbet aktar kjarifika mill-Kummissjoni dwar kif biħsiebha tiggarantixxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tal-Memorandum ta' Qbil bejn l-UE u t-Tuneżija, fi sforz biex tiżgura li l-UE tikkonforma mal-obbligi tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem;

Or. en

Emenda 58
Peter Agius

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Japprezza l-impenn tal-Ombudsman li tiddefendi d-drittijiet fundamentali fl-attivitajiet ta' ġestjoni tal-fruntieri tal-istituzzjonijiet tal-UE ***billi nediet inkjesti dwar l-azzjonijiet tal-Frontex u tal-Kummissjoni f'dan il-qasam***; jinnota li l-Ombudsman talbet aktar kjarifika mill-Kummissjoni dwar kif biħsiebha tiggarantixxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tal-Memorandum ta' Qbil bejn l-UE u t-Tuneżija, fi sforz biex tiżgura li l-UE tikkonforma mal-obbligi tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem;	12. Japprezza l-impenn tal-Ombudsman li tiddefendi d-drittijiet fundamentali fl-attivitajiet ta' ġestjoni tal-fruntieri tal-istituzzjonijiet tal-UE; jinnota li l-Ombudsman talbet aktar kjarifika mill-Kummissjoni dwar kif biħsiebha tiggarantixxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tal-Memorandum ta' Qbil bejn l-UE u t-Tuneżija, fi sforz biex tiżgura li l-UE tikkonforma mal-obbligi tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem;

Or. en

Emenda 59
Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Japprezza l-impenn tal-Ombudsman li tiddefendi d-drittijiet fundamentali fl-attivitajiet ta' ġestjoni tal-fruntieri tal-istituzzjonijiet tal-UE billi nediet inkjesti dwar l-azzjonijiet tal-Frontex u tal-Kummissjoni f'dan il-qasam; ***jinnota*** li l-Ombudsman talbet aktar kjarifika mill-Kummissjoni dwar kif biħsiebha tiggarantixxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tal-Memorandum ta' Qbil bejn l-UE u t-Tuneżija, fi sforz biex tiżgura li l-UE tikkonforma mal-obbligi tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem;	12. Japprezza l-impenn tal-Ombudsman li tiddefendi d-drittijiet fundamentali fl-attivitajiet ta' ġestjoni tal-fruntieri tal-istituzzjonijiet tal-UE billi nediet inkjesti dwar l-azzjonijiet tal-Frontex u tal-Kummissjoni f'dan il-qasam; ***jilqa' l-fatt*** li l-Ombudsman talbet aktar kjarifika mill-Kummissjoni dwar kif biħsiebha tiggarantixxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tal-Memorandum ta' Qbil ***(MtQ)*** bejn l-UE u t-Tuneżija, fi sforz biex tiżgura li l-UE tikkonforma mal-obbligi tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem***, filwaqt li tenfasizza t-tħassib dwar in-nuqqas ta' valutazzjoni tal-impatt minn qabel fuq id-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari relatata mal-pilastru "Migrazzjoni u mobbiltà" tal-MtQ u l-azzjonijiet previsti fl-ambitu ta' dak il-pilastru***;

Or. en

Emenda 60
Nadine Morano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. ***Japprezza l-impenn*** tal-Ombudsman li tiddefendi d-drittijiet fundamentali fl-attivitajiet ta' ġestjoni tal-fruntieri tal-istituzzjonijiet tal-UE billi nediet inkjesti dwar l-azzjonijiet tal-Frontex u tal-Kummissjoni f'dan il-qasam; jinnota li l-Ombudsman talbet aktar kjarifika mill-Kummissjoni dwar kif biħsiebha tiggarantixxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tal-Memorandum ta' Qbil bejn l-UE u t-Tuneżija, fi sforz biex tiżgura li l-UE tikkonforma mal-obbligi tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem;	12. ***Jieħu nota tal-impenn*** tal-Ombudsman li tiddefendi d-drittijiet fundamentali fl-attivitajiet ta' ġestjoni tal-fruntieri tal-istituzzjonijiet tal-UE billi nediet inkjesti dwar l-azzjonijiet tal-Frontex u tal-Kummissjoni f'dan il-qasam***; ifakkar li l-Frontex qed tiffaċċja sfidi kbar li jirrikjedu t-tisħiħ tal-kapaċità u l-baġit tagħha sabiex l-Aġenzija twettaq il-ħidma tagħha fl-aħjar kundizzjonijiet possibbli***; jinnota li l-Ombudsman talbet aktar kjarifika mill-Kummissjoni dwar kif biħsiebha tiggarantixxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tal-Memorandum ta' Qbil bejn l-UE u t-

	Tuneżija, fi sforz biex tiżgura li l-UE tikkonforma mal-obbligi tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem;

Or. fr

Emenda 61
Kosma Złotowski, Ivaylo Valchev, Galato Alexandraki

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Japprezza l-impenn tal-Ombudsman li tiddefendi d-drittijiet fundamentali fl-attivitajiet ta' ġestjoni tal-fruntieri tal-istituzzjonijiet tal-UE billi nediet inkjesti dwar l-azzjonijiet tal-Frontex u tal-Kummissjoni f'dan il-qasam; jinnota li l-Ombudsman talbet aktar kjarifika mill-Kummissjoni dwar kif biħsiebha tiggarantixxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tal-Memorandum ta' Qbil bejn l-UE u t-Tuneżija, fi sforz biex tiżgura li l-UE tikkonforma mal-obbligi tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem;	12. Japprezza l-impenn tal-Ombudsman li tiddefendi d-drittijiet fundamentali fl-attivitajiet ta' ġestjoni tal-fruntieri tal-istituzzjonijiet tal-UE billi nediet inkjesti dwar l-azzjonijiet tal-Frontex u tal-Kummissjoni f'dan il-qasam; jinnota li l-Ombudsman talbet aktar kjarifika mill-Kummissjoni dwar kif biħsiebha tiggarantixxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tal-Memorandum ta' Qbil bejn l-UE u t-Tuneżija, fi sforz biex tiżgura li l-UE tikkonforma mal-obbligi tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem; ***jinnota f'dan ir-rigward il-limitazzjonijiet legali tal-mandat tal-Frontex, li ma jinkludix il-koordinazzjoni tal-operazzjonijiet ta' salvataġġ u li hija r-responsabbiltà taċ-ċentri nazzjonali ta' koordinazzjoni tas-salvataġġ;***

Or. en

Emenda 62
Jana Toom, Michał Kobosko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Japprezza l-impenn tal-	12. Japprezza l-impenn tal-

Ombudsman li tiddefendi d-drittijiet fundamentali fl-attivitajiet ta' ġestjoni tal-fruntieri tal-istituzzjonijiet tal-UE billi nediet inkjesti dwar l-azzjonijiet tal-Frontex u tal-Kummissjoni f'dan il-qasam; jinnota li l-Ombudsman talbet aktar kjarifika mill-Kummissjoni dwar kif biħsiebha tiggarantixxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tal-Memorandum ta' Qbil bejn l-UE u t-Tuneżija, fi sforz biex tiżgura li l-UE tikkonforma mal-obbligi tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem;	Ombudsman li tiddefendi d-drittijiet fundamentali fl-attivitajiet ta' ġestjoni tal-fruntieri tal-istituzzjonijiet tal-UE billi nediet inkjesti dwar l-azzjonijiet tal-Frontex u tal-Kummissjoni f'dan il-qasam; jinnota li l-Ombudsman talbet aktar kjarifika mill-Kummissjoni dwar kif biħsiebha tiggarantixxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tal-Memorandum ta' Qbil bejn l-UE u t-Tuneżija, fi sforz biex tiżgura li l-UE tikkonforma mal-obbligi tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem; ***jisħaq li l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji kollha tal-UE għandhom obbligu li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kif deskritt fit-Trattati u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali;***

Or. en

Emenda 63
Maria Zacharia, Fidias Panayiotou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Japprezza l-impenn tal-Ombudsman li tiddefendi d-drittijiet fundamentali fl-attivitajiet ta' ġestjoni tal-fruntieri tal-istituzzjonijiet tal-UE billi nediet inkjesti dwar l-azzjonijiet tal-Frontex u tal-Kummissjoni ***f'dan il-qasam***; jinnota li l-Ombudsman talbet aktar kjarifika mill-Kummissjoni dwar kif biħsiebha tiggarantixxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tal-Memorandum ta' Qbil bejn l-UE u t-Tuneżija, fi sforz biex tiżgura li l-UE tikkonforma mal-obbligi tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem;	12. Japprezza l-impenn tal-Ombudsman li tiddefendi d-drittijiet fundamentali fl-attivitajiet ta' ġestjoni tal-fruntieri tal-istituzzjonijiet tal-UE billi nediet inkjesti dwar l-azzjonijiet tal-Frontex u tal-Kummissjoni ***wara li għerqu aktar minn 500 persuna 'l barra mill-kosta Griega fl-14 ta' Ġunju 2023***; jinnota li l-Ombudsman talbet aktar kjarifika mill-Kummissjoni dwar kif biħsiebha tiggarantixxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tal-Memorandum ta' Qbil bejn l-UE u t-Tuneżija, fi sforz biex tiżgura li l-UE tikkonforma mal-obbligi tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem;

Or. el

Emenda 64
Virginie Joron, Pál Szekeres, Georg Mayer, Fabrice Leggeri, Mireia Borrás Pabón, Sebastian Kruis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Japprezza l-impenn tal-Ombudsman li tiddefendi d-drittijiet fundamentali fl-attivitajiet ta' ġestjoni tal-fruntieri tal-istituzzjonijiet tal-UE billi nediet inkjesti dwar l-azzjonijiet tal-Frontex u tal-Kummissjoni f'dan il-qasam; ***jinnota li l-Ombudsman talbet aktar*** kjarifika mill-Kummissjoni dwar kif biħsiebha tiggarantixxi r-rispett għad-drittijiet ***tal-bniedem fil-kuntest tal-Memorandum ta' Qbil bejn l-UE u t-Tuneżija,*** fi sforz biex ***tiżgura li l-UE tikkonforma mal-obbligi tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem***;	12. Japprezza l-impenn tal-Ombudsman li tiddefendi d-drittijiet fundamentali fl-attivitajiet ta' ġestjoni tal-fruntieri tal-istituzzjonijiet tal-UE billi nediet inkjesti dwar l-azzjonijiet tal-Frontex u tal-Kummissjoni f'dan il-qasam; ***jistieden lill-Ombudsman titlob*** kjarifika mill-Kummissjoni dwar kif biħsiebha tiggarantixxi r-rispett għad-drittijiet ***tal-Istati Ewropej li jikkontrollaw aħjar il-fruntieri tagħhom*** fi sforz biex ***jiġġieldu l-flussi migratorji mhux ikkontrollati, li l-iskala tagħhom qed iddgħajjef l-identità, is-sigurtà u l-prosperità tal-Istati Membri tal-UE u ċ-ċittadini tagħhom***;

Or. fr

Emenda 65
Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jemmen bis-sħiħ li l-Frontex trid tikkonforma bis-sħiħ mad-drittijiet fundamentali fl-attivitajiet kollha tagħha, inkluż fl-involviment dirett jew indirett tagħha fl-operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ (SAR); jissottolinja li l-Frontex trid tiżgura applikazzjoni sħiħa u konsistenti tal-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Liġi tal-Baħar kif ukoll tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar it-Tfittxija u s-Salvataġġ Marittimi (il-Konvenzjoni SAR) u l-Konvenzjoni Internazzjonali għas-Salvagwardja tal-Ħajja Umana fuq il-

	Baħar; ifakkar li fil-kuntest speċifiku tal-attivitajiet ta' sorveljanza tagħha, ir-responsabbiltajiet tal-Frontex fir-rispons għal emerġenzi marittimi huma definiti wkoll skont id-dritt tal-UE u li skont il-qafas legali ġenerali applikabbli, l-Istati Membri huma obbligati jagħtu assistenza lil kwalunkwe bastiment jew persuna f'diffikultà fuq il-baħar, filwaqt li jiżguraw li l-awtoritajiet tagħhom jikkonformaw ma' dak l-obbligu, f'konformità mad-dritt internazzjonali u r-rispett għad-drittijiet fundamentali, irrispettivament min-nazzjonalità jew l-istatus tal-persuni; ifakkar li dan l-obbligu japplika wkoll għall-Frontex meta tipprovdi assistenza teknika u operazzjonali fil-kuntest ta' operazzjonijiet konġunti;

Or. en

Emenda 66
Virginie Joron, Pál Szekeres, Georg Mayer, Fabrice Leggeri, Mireia Borrás Pabón, Sebastian Kruis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. F'dan il-kuntest, jistieden lill-Ombudsman tqis ukoll id-drittijiet tal-bniedem u l-interessi taċ-ċittadini Ewropej lokali. Ir-residenti lokali tal-gżejjer Griegi, Spanjoli, Taljani, eċċ. b'ċentri ta' akkoljenza qed isofru ħsara serja għas-sigurtà, is-saħħa u l-ekonomija minħabba l-migrazzjoni tal-massa. L-Ombudsman għandu wkoll il-kompitu li jipproteġi l-interessi u d-drittijiet tal-bniedem taċ-ċittadini Ewropej;

Or. fr

Emenda 67

Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12b. Japprova s-suġġerimenti tal-Ombudsman li għandhom l-għan li jiżguraw li l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) tikkonforma mal-obbligi tagħha tad-drittijiet fundamentali fir-rigward tat-tiftix u s-salvataġġ fil-kuntest tal-attivitajiet ta' sorveljanza marittima tagħha; jistieden lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u lill-Kummissjoni jaħdmu mal-Parlament biex jistabbilixxu kummissjoni ta' inkjesta indipendenti biex jiġu vvalutati r-raġunijiet għall-għadd kbir ta' mwiet fil-baħar Mediterran u jsiru l-bidliet meħtieġa biex jiġi evitat li jerġa' jseħħ kwalunkwe telf traġiku ta' ħajjiet;

Or. en

Emenda 68
Maria Zacharia, Fidias Panayiotou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li taħdem mal-awtoritajiet lokali biex tfassal valutazzjoni tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali tal-faċilitajiet tal-ġestjoni tal-migrazzjoni ffinanzjati mill-UE fil-Greċja***, wara inkjesta fuq inizjattiva proprja mill-Ombudsman dwar kif il-Kummissjoni tiżgura r-rispett għad-drittijiet fundamentali f'dawn il-faċilitajiet***;	13. ***Jifraħ lill-Ombudsman għall-inkjesta fuq inizjattiva proprja tagħha dwar kif il-Kummissjoni tiżgura li l-fondi tal-UE allokati lill-Greċja għall-ġestjoni tal-fruntieri ma jikkontribwux għall-ksur tad-drittijiet fundamentali;*** jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li taħdem mal-awtoritajiet lokali biex tfassal valutazzjoni tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali tal-faċilitajiet tal-ġestjoni tal-migrazzjoni ffinanzjati mill-UE fil-Greċja;

Or. el

Emenda 69
Fredis Beleris

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li taħdem mal-awtoritajiet lokali biex tfassal valutazzjoni tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali tal-faċilitajiet tal-ġestjoni tal-migrazzjoni ffinanzjati mill-UE ***fil-Greċja***, wara inkjesta fuq inizjattiva proprja mill-Ombudsman ***dwar kif il-Kummissjoni tiżgura r-rispett għad-drittijiet fundamentali f'dawn il-faċilitajiet***;	13. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li taħdem mal-awtoritajiet ***nazzjonali u*** lokali biex tfassal valutazzjoni tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali tal-faċilitajiet tal-ġestjoni tal-migrazzjoni ffinanzjati mill-UE, wara inkjesta ***rilevanti*** fuq inizjattiva proprja mill-Ombudsman;

Or. en

Emenda 70
Peter Agius

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li taħdem mal-awtoritajiet lokali biex tfassal valutazzjoni tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali tal-faċilitajiet tal-ġestjoni tal-migrazzjoni ffinanzjati mill-UE ***fil-Greċja***, wara inkjesta fuq inizjattiva proprja mill-Ombudsman dwar kif il-Kummissjoni tiżgura r-rispett għad-drittijiet fundamentali f'dawn il-faċilitajiet;	13. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li taħdem mal-awtoritajiet lokali ***u nazzjonali*** biex tfassal valutazzjoni tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali tal-faċilitajiet tal-ġestjoni tal-migrazzjoni ffinanzjati mill-UE, wara inkjesta fuq inizjattiva proprja mill-Ombudsman dwar kif il-Kummissjoni tiżgura r-rispett għad-drittijiet fundamentali f'dawn il-faċilitajiet;

Or. en

Emenda 71
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li taħdem mal-awtoritajiet lokali biex tfassal valutazzjoni tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali tal-faċilitajiet tal-ġestjoni tal-migrazzjoni ffinanzjati mill-UE fil-Greċja, wara inkjesta fuq inizjattiva proprja mill-Ombudsman dwar kif il-Kummissjoni tiżgura r-rispett għad-drittijiet fundamentali f'dawn il-faċilitajiet;	13. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li taħdem mal-awtoritajiet lokali biex tfassal valutazzjoni tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali tal-faċilitajiet tal-ġestjoni tal-migrazzjoni ffinanzjati mill-UE fil-Greċja, wara inkjesta fuq inizjattiva proprja mill-Ombudsman dwar kif il-Kummissjoni tiżgura r-rispett għad-drittijiet fundamentali ***u l-istat tad-dritt*** f'dawn il-faċilitajiet; ***Jissottolinja li r-rispett għall-istat tad-dritt huwa prerekwiżit għall-aċċess għall-finanzjament tal-UE; iqis li dan ir-rekwiżit li jitħares l-istat tad-dritt u l-impenn sod tal-Unjoni Ewropea favur il-valuri tagħha jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-fiduċja taċ-ċittadini fl-Unjoni u jattesta l-wegħda espliċita tal-UE li tiżgura l-kwalità tad-demokrazija fit-territorju kollu tagħha;***

Or. en

Emenda 72
Fidias Panayiotou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li taħdem mal-awtoritajiet lokali biex tfassal valutazzjoni tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali tal-faċilitajiet tal-ġestjoni tal-migrazzjoni ffinanzjati mill-UE fil-Greċja, wara inkjesta fuq inizjattiva proprja mill-Ombudsman dwar kif il-Kummissjoni tiżgura r-rispett għad-drittijiet fundamentali f'dawn il-faċilitajiet;	13. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li taħdem mal-awtoritajiet lokali biex tfassal valutazzjoni tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali tal-faċilitajiet tal-ġestjoni tal-migrazzjoni ffinanzjati mill-UE fil-Greċja, wara inkjesta fuq inizjattiva proprja mill-Ombudsman dwar kif il-Kummissjoni tiżgura r-rispett għad-drittijiet fundamentali f'dawn il-faċilitajiet; ***jirrimarka li l-istedina tal-Ombudsman lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi kummissjoni ta' inkjesta indipendenti***

biex tivvaluta r-raġunijiet għall-għadd kbir ta' mwiet fil-Mediterran u jinsiltu t-tagħlimiet min-nawfraġju ta' Adriana;

Or. en

Emenda 73
Virginie Joron, Pál Szekeres, Georg Mayer, Fabrice Leggeri, Mireia Borrás Pabón, Sebastian Kruis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. ***Jilqa'*** d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li taħdem mal-awtoritajiet lokali biex tfassal valutazzjoni tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali tal-faċilitajiet tal-ġestjoni tal-migrazzjoni ffinanzjati mill-UE fil-Greċja, wara inkjesta fuq inizjattiva proprja mill-Ombudsman dwar kif il-Kummissjoni tiżgura r-rispett għad-drittijiet fundamentali f'dawn il-faċilitajiet;	13. ***Jinnota*** d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li taħdem mal-awtoritajiet lokali biex tfassal valutazzjoni tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali tal-faċilitajiet tal-ġestjoni tal-migrazzjoni ffinanzjati mill-UE fil-Greċja, wara inkjesta fuq inizjattiva proprja mill-Ombudsman dwar kif il-Kummissjoni tiżgura r-rispett għad-drittijiet fundamentali f'dawn il-faċilitajiet; ***jissottolinja li r-residenti lokali wkoll għandhom drittijiet;***

Or. fr

Emenda 74
Nadine Morano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. ***Jilqa' d-deċiżjoni*** tal-Kummissjoni li taħdem mal-awtoritajiet lokali biex tfassal valutazzjoni tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali tal-faċilitajiet tal-ġestjoni tal-migrazzjoni ffinanzjati mill-UE fil-Greċja, wara inkjesta fuq inizjattiva proprja mill-Ombudsman dwar kif il-Kummissjoni tiżgura r-rispett għad-drittijiet fundamentali f'dawn il-faċilitajiet;	13. ***Jieħu nota tad-deċiżjoni*** tal-Kummissjoni li taħdem mal-awtoritajiet lokali biex tfassal valutazzjoni tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali tal-faċilitajiet tal-ġestjoni tal-migrazzjoni ffinanzjati mill-UE fil-Greċja, wara inkjesta fuq inizjattiva proprja mill-Ombudsman dwar kif il-Kummissjoni tiżgura r-rispett għad-drittijiet fundamentali f'dawn il-faċilitajiet;

Or. fr

Emenda 75
Maria Zacharia, Fidias Panayiotou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jappoġġja l-proposti tal-Ombudsman lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna rigward il-valutazzjoni tar-riskji għad-drittijiet tal-bniedem qabel ma jingħata appoġġ lil pajjiżi mhux tal-UE;

Or. el

Emenda 76
Fidias Panayiotou, Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jistieden lill-Kummissjoni testendi l-valutazzjoni tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali tal-faċilitajiet ta' ġestjoni tal-migrazzjoni ffinanzjati mill-UE għal Stati Membri oħra, bħal Spanja, l-Italja, Ċipru u Malta;

Or. en

Emenda 77
Fidias Panayiotou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

	13b. Jiddispjaċih li l-Kummissjoni naqset milli tniedi konsultazzjoni pubblika dwar ir-rapport triannwali dwar iċ-Ċittadinanza Ewropea 2023 skont l-Artikolu 25 tat-TFUE; jistieden lill-Kummissjoni tieħu azzjonijiet biex tiżgura li ċ-ċittadini kollha tal-UE jkunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom b'mod effettiv u tfassal linji gwida ċari għal rapporti futuri, b'konsultazzjonijiet dwar kull rapport triannwali dwar iċ-ċittadinanza tal-UE u proposti leġiżlattivi sussegwenti;

Or. en

Emenda 78
Peter Agius

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jappoġġja bil-qawwa l-konklużjonijiet tal-Ombudsman li r-regoli etiċi u kontra l-korruzzjoni tal-UE jeħtieġ li jiġu rispettati u msaħħa mill-istituzzjonijiet tal-UE u li l-implimentazzjoni tar-riformi tal-Parlament f'dan il-qasam trid tiġi mmonitorjata kif xieraq u infurzata fil-livelli kollha; ***iħeġġeġ lill-Ombudsman tagħti attenzjoni mill-qrib lill-prattiki ta' lobbjar diretti u indiretti fil-Parlament li jistgħu jżidu r-riskju ta' kunflitti ta' interess potenzjali; jistieden lill-Ombudsman, f'dan il-kuntest, tissuġġerixxi titjib fil-Kodiċi ta' Kondotta attwali għall-Membri tal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-integrità u t-trasparenza;***	14. Jappoġġja bil-qawwa l-konklużjonijiet tal-Ombudsman li r-regoli etiċi u kontra l-korruzzjoni tal-UE jeħtieġ li jiġu rispettati u msaħħa mill-istituzzjonijiet tal-UE u li l-implimentazzjoni tar-riformi tal-Parlament f'dan il-qasam trid tiġi mmonitorjata kif xieraq u infurzata fil-livelli kollha;

Or. en

Emenda 79
Peter Agius

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jappoġġja bil-qawwa l-konklużjonijiet tal-Ombudsman li r-regoli etiċi u kontra l-korruzzjoni tal-UE jeħtieġ li jiġu rispettati u msaħħa mill-istituzzjonijiet tal-UE u li l-implimentazzjoni tar-riformi tal-Parlament f'dan il-qasam trid tiġi mmonitorjata kif xieraq u infurzata fil-livelli kollha; ***iħeġġeġ lill-Ombudsman tagħti*** attenzjoni mill-qrib lill-prattiki ta' lobbjar diretti u indiretti fil-Parlament li jistgħu jżidu r-riskju ta' kunflitti ta' interess potenzjali; ***jistieden lill-Ombudsman, f'dan il-kuntest, tissuġġerixxi titjib fil-Kodiċi ta' Kondotta attwali għall-Membri tal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-integrità u t-trasparenza;***	14. Jappoġġja bil-qawwa l-konklużjonijiet tal-Ombudsman li r-regoli etiċi u kontra l-korruzzjoni tal-UE jeħtieġ li jiġu rispettati u msaħħa mill-istituzzjonijiet tal-UE u li l-implimentazzjoni tar-riformi tal-Parlament f'dan il-qasam trid tiġi mmonitorjata kif xieraq u infurzata fil-livelli kollha; ***jenfasizza l-ħtieġa li l-Parlament dejjem jagħti*** attenzjoni mill-qrib lill-prattiki ta' lobbjar diretti u indiretti fil-Parlament li jistgħu jżidu r-riskju ta' kunflitti ta' interess potenzjali;

Or. en

Emenda 80
Kosma Złotowski, Ivaylo Valchev, Galato Alexandraki

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jappoġġja bil-qawwa l-konklużjonijiet tal-Ombudsman li r-regoli etiċi u kontra l-korruzzjoni tal-UE jeħtieġ li jiġu rispettati u msaħħa mill-istituzzjonijiet tal-UE u li l-implimentazzjoni tar-riformi tal-Parlament f'dan il-qasam trid tiġi mmonitorjata kif xieraq u infurzata fil-livelli kollha; iħeġġeġ lill-Ombudsman tagħti attenzjoni mill-qrib lill-prattiki ta' lobbjar diretti u indiretti fil-Parlament li jistgħu jżidu r-riskju ta' kunflitti ta' interess potenzjali; jistieden lill-Ombudsman, f'dan il-kuntest, tissuġġerixxi titjib fil-Kodiċi ta' Kondotta attwali għall-	14. ***Jilqa' l-attivitajiet tal-Ombudsman wara l-iskandlu tal-Qatargate fil-Parlament Ewropew;*** jappoġġja bil-qawwa l-konklużjonijiet tal-Ombudsman li r-regoli etiċi u kontra l-korruzzjoni tal-UE jeħtieġ li jiġu rispettati u msaħħa mill-istituzzjonijiet tal-UE u li l-implimentazzjoni tar-riformi tal-Parlament f'dan il-qasam trid tiġi mmonitorjata kif xieraq u infurzata fil-livelli kollha; iħeġġeġ lill-Ombudsman tagħti attenzjoni mill-qrib lill-prattiki ta' lobbjar diretti u indiretti fil-Parlament li jistgħu jżidu r-riskju ta' kunflitti ta' interess potenzjali; jistieden lill-

Membri tal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-integrità u t-trasparenza;	Ombudsman, f'dan il-kuntest, tissuġġerixxi titjib fil-Kodiċi ta' Kondotta attwali għall-Membri tal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-integrità u t-trasparenza; ***jissottolinja li r-regoli dwar l-etika għandhom jiġu segwiti b'mod rigoruż sabiex terġa' tinkiseb il-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet Ewropej;***

Or. en

Emenda 81
Virginie Joron, Pál Szekeres, Georg Mayer, Fabrice Leggeri, Mireia Borrás Pabón, Sebastian Kruis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jappoġġja bil-qawwa l-konklużjonijiet tal-Ombudsman li r-regoli ***etiċi*** u kontra l-korruzzjoni tal-UE jeħtieġ li jiġu rispettati u msaħħa mill-istituzzjonijiet tal-UE u li l-implimentazzjoni tar-riformi tal-Parlament f'dan il-qasam trid tiġi mmonitorjata kif xieraq u infurzata fil-livelli kollha; iħeġġeġ lill-Ombudsman tagħti attenzjoni mill-qrib lill-prattiki ta' lobbjar diretti u indiretti fil-Parlament li jistgħu jżidu r-riskju ta' kunflitti ta' interess potenzjali; jistieden lill-Ombudsman, f'dan il-kuntest, tissuġġerixxi titjib fil-Kodiċi ta' Kondotta attwali għall-Membri tal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-integrità u t-trasparenza;	14. Jappoġġja bil-qawwa l-konklużjonijiet tal-Ombudsman li r-regoli ***dwar l-etika*** u kontra l-korruzzjoni tal-UE jeħtieġ li jiġu rispettati u msaħħa mill-istituzzjonijiet tal-UE u li l-implimentazzjoni tar-riformi tal-Parlament f'dan il-qasam trid tiġi mmonitorjata kif xieraq u infurzata fil-livelli kollha***, l-ewwel u qabel kollox fil-livell tal-presidenza tagħhom***; iħeġġeġ lill-Ombudsman tagħti attenzjoni mill-qrib lill-prattiki ta' lobbjar diretti u indiretti fil-Parlament li jistgħu jżidu r-riskju ta' kunflitti ta' interess potenzjali; jistieden lill-Ombudsman, f'dan il-kuntest, tissuġġerixxi titjib fil-Kodiċi ta' Kondotta attwali għall-Membri tal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-integrità u t-trasparenza;

Or. fr

Emenda 82
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jappoġġja bil-qawwa l-konklużjonijiet tal-Ombudsman li r-regoli etiċi u kontra l-korruzzjoni tal-UE jeħtieġ li jiġu rispettati u msaħħa mill-istituzzjonijiet tal-UE u li l-implimentazzjoni tar-riformi tal-Parlament f'dan il-qasam trid tiġi mmonitorjata kif xieraq u infurzata fil-livelli kollha; iħeġġeġ lill-Ombudsman tagħti attenzjoni mill-qrib lill-prattiki ta' lobbjar diretti u indiretti fil-Parlament li jistgħu jżidu r-riskju ta' kunflitti ta' interess potenzjali; jistieden lill-Ombudsman, f'dan il-kuntest, tissuġġerixxi titjib fil-Kodiċi ta' Kondotta attwali għall-Membri tal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-integrità u t-trasparenza;	14. Jappoġġja bil-qawwa l-konklużjonijiet tal-Ombudsman li r-regoli etiċi u kontra l-korruzzjoni tal-UE jeħtieġ li jiġu rispettati u msaħħa mill-istituzzjonijiet tal-UE u li l-implimentazzjoni tar-riformi tal-Parlament f'dan il-qasam trid tiġi mmonitorjata kif xieraq u infurzata fil-livelli kollha; iħeġġeġ lill-Ombudsman tagħti attenzjoni mill-qrib lill-prattiki ta' lobbjar diretti u indiretti ***kemm*** fil-Parlament ***kif ukoll fil-Kummissjoni Ewropea,*** li jistgħu jżidu r-riskju ta' kunflitti ta' interess potenzjali; jistieden lill-Ombudsman, f'dan il-kuntest, tissuġġerixxi titjib fil-Kodiċi ta' Kondotta attwali għall-Membri tal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-integrità u t-trasparenza;

Or. en

Emenda 83
Nadine Morano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jappoġġja bil-qawwa l-konklużjonijiet tal-Ombudsman li r-regoli etiċi u kontra l-korruzzjoni tal-UE jeħtieġ li jiġu rispettati u msaħħa mill-istituzzjonijiet tal-UE u li l-implimentazzjoni tar-riformi tal-Parlament f'dan il-qasam trid tiġi mmonitorjata kif xieraq u infurzata fil-livelli kollha; iħeġġeġ lill-Ombudsman tagħti attenzjoni mill-qrib lill-prattiki ta' lobbjar diretti u indiretti fil-Parlament li jistgħu jżidu r-riskju ta' kunflitti ta' interess potenzjali; ***jistieden lill-Ombudsman, f'dan il-kuntest, tissuġġerixxi titjib*** fil-Kodiċi ta' Kondotta attwali għall-Membri tal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-integrità u t-	14. Jappoġġja bil-qawwa l-konklużjonijiet tal-Ombudsman li r-regoli etiċi u kontra l-korruzzjoni tal-UE jeħtieġ li jiġu rispettati u msaħħa mill-istituzzjonijiet tal-UE u li l-implimentazzjoni tar-riformi tal-Parlament f'dan il-qasam trid tiġi mmonitorjata kif xieraq u infurzata fil-livelli kollha; iħeġġeġ lill-Ombudsman tagħti attenzjoni mill-qrib lill-prattiki ta' lobbjar diretti u indiretti fil-Parlament li jistgħu jżidu r-riskju ta' kunflitti ta' interess potenzjali; ***jilqa' l-progress konsiderevoli miksub*** fil-Kodiċi ta' Kondotta attwali għall-Membri tal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-integrità u t-trasparenza;

trasparenza;

Or. fr

Emenda 84
Jana Toom, Michał Kobosko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jenfasizza r-rwol essenzjali ta' trasparenza, ta' amministrazzjoni tajba u ta' kontrolli u bilanċi istituzzjonali fil-ħidma tal-istituzzjonijiet tal-UE;	15. Jenfasizza r-rwol essenzjali ta' trasparenza, ta' amministrazzjoni tajba u ta' kontrolli u bilanċi istituzzjonali fil-ħidma tal-istituzzjonijiet tal-UE; ***jilqa' l-adozzjoni ta' ftehim għall-istabbiliment ta' Korp Interistituzzjonali tal-Etika, iżda jiddispjaċih li n-negozjati bejn l-istituzzjonijiet firmatarji ma wasslux għal qafas aktar ambizzjuż li jistabbilixxi korp tal-etika ġenwin u indipendenti; iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet firmatarji kollha jmorru lil hinn mill-qafas meta jimplimentaw ir-rekwiżiti u l-istandards etiċi rispettivi tagħhom;***

Or. en

Emenda 85
Maria Zacharia, Fidias Panayiotou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jilqa' l-intenzjoni tal-Ombudsman, wara l-iskandlu tal-Qatar, li tniedi inkjesta dwar l-ispejjeż tal-ivvjaġġar imħallsa minn partijiet terzi mill-2021 u li tiddetermina jekk il-Kummissjoni ħaditx miżuri xierqa biex ittaffi kunflitti ta' interess potenzjali f'dawn il-każijiet;

Or. el

Emenda 86
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15a. Jistieden lill-Ombudsman teżerċita superviżjoni aktar stretta fuq kif jintefqu l-fondi u l-baġit tal-Unjoni u tiżgura li l-interessi tal-UE ma jiġux imminati minn ksur tal-istat tad-dritt, ksur tal-prinċipji u l-valuri tal-UE, korruzzjoni, jew kunflitti ta' interess;

Or. en

Emenda 87
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	15b. Jistieden lill-Ombudsman tinvestiga l-kunflitt ta' interess potenzjali dwar il-portafolli tal-kummissarji nnominati fil-bidu ta' kull leġiżlatura.

Or. en

Emenda 88
Nadine Morano

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. ***Jilqa'*** l-investigazzjonijiet tal-Ombudsman dwar ir-riskji ta' kunflitti ta' interess fil-Kummissjoni, speċjalment fil-qasam tal-Fond Ewropew għad-Difiża; ***iqis***	16. ***Jinnota*** l-investigazzjonijiet tal-Ombudsman dwar ir-riskji ta' kunflitti ta' interess fil-Kummissjoni, speċjalment fil-

li huwa problematiku li l-Kummissjoni mhijiex meħtieġa tippubblika l-ismijiet tal-esperti li tikkonsulta dwar proġetti relatati mal-Fond Ewropew għad-Difiża, u jistieden lill-Kummissjoni tirrifletti dwar kif iżżid it-trasparenza u l-iskrutinju pubbliku f'dan il-qasam ta' politika sensittiv;	qasam tal-Fond Ewropew għad-Difiża;

Or. fr

Emenda 89
Peter Agius

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. ***Jilqa' l-investigazzjonijiet*** tal-Ombudsman dwar ir-riskji ta' kunflitti ta' interess fil-Kummissjoni, speċjalment fil-qasam tal-Fond Ewropew għad-Difiża; ***iqis li huwa problematiku li l-Kummissjoni mhijiex meħtieġa tippubblika l-ismijiet tal-esperti li tikkonsulta dwar proġetti relatati mal-Fond Ewropew għad-Difiża, u jistieden lill-Kummissjoni tirrifletti dwar kif iżżid it-trasparenza u l-iskrutinju pubbliku f'dan il-qasam ta' politika sensittiv;***	16. ***Jieħu nota tal-investigazzjonijiet*** tal-Ombudsman dwar ir-riskji ta' kunflitti ta' interess fil-Kummissjoni, speċjalment fil-qasam tal-Fond Ewropew għad-Difiża;

Or. en

Emenda 90
Fidias Panayiotou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jilqa' l-investigazzjonijiet tal-Ombudsman dwar ir-riskji ta' kunflitti ta' interess fil-Kummissjoni, speċjalment fil-qasam tal-Fond Ewropew għad-Difiża; iqis	16. Jilqa' l-investigazzjonijiet tal-Ombudsman dwar ir-riskji ta' kunflitti ta' interess fil-Kummissjoni, speċjalment fil-qasam tal-Fond Ewropew għad-Difiża; iqis

li huwa problematiku li l-Kummissjoni mhijiex meħtieġa tippubblika l-ismijiet tal-esperti li tikkonsulta dwar proġetti relatati mal-Fond Ewropew għad-Difiża***, u jistieden*** lill-Kummissjoni ***tirrifletti dwar kif iżżid*** it-trasparenza u l-iskrutinju pubbliku f'dan il-qasam ta' politika sensittiv;	li huwa problematiku li l-Kummissjoni mhijiex meħtieġa tippubblika l-ismijiet tal-esperti li tikkonsulta dwar proġetti relatati mal-Fond Ewropew għad-Difiża***; iħeġġeġ*** lill-Kummissjoni ***żżid*** it-trasparenza u l-iskrutinju pubbliku f'dan il-qasam ta' politika sensittiv; ***jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jżommu u jsaħħu l-fiduċja pubblika fl-imparzjalità tal-korpi amministrattivi li jinvolvu l-esperti;***
	Or. en

Emenda 91
Fidias Panayiotou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	16a. Jilqa' l-istedina tal-Ombudsman lill-Kummissjoni biex tippubblika d-dikjarazzjonijiet ta' interess magħmula mill-membri tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju, korp li għandu rwol essenzjali fit-tħejjija tal-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni, b'mod proattiv u, jekk meħtieġ, temenda r-regoli rilevanti li jirregolaw il-Bord;
	Or. en

Emenda 92
Peter Agius

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. ***Jappoġġja t-talba*** tal-Ombudsman lill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) biex itejjeb ir-regoli tiegħu dwar il-kunflitti ta' interess u jsaħħaħ ir-rwol ta' sorveljanza tal-Kumitat tal-Etika u l-	17. ***Jieħu nota tal-istedina*** tal-Ombudsman lill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) biex itejjeb ir-regoli tiegħu dwar il-kunflitti ta' interess u jsaħħaħ ir-rwol ta' sorveljanza tal-Kumitat

Konformità tiegħu, wara ċ-ċaqliq tal-Viċi President tiegħu biex isir l-uffiċjal kap eżekuttiv ta' bank promozzjonali nazzjonali; iħeġġeġ lill-Ombudsman, f'dan ir-rigward, tkompli tiffoka fuq il-kwistjoni tal-perjodi ta' preklużjoni u r-revolving doors minn membri għolja tal-persunal tal-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi kollha tal-UE sabiex jiġu żgurati l-ogħla standards etiċi ta' trasparenza u ***obbligu ta' rendikont pubbliku***;	tal-Etika u l-Konformità tiegħu, wara ċ-ċaqliq tal-Viċi President tiegħu biex isir l-uffiċjal kap eżekuttiv ta' bank promozzjonali nazzjonali; iħeġġeġ lill-Ombudsman, f'dan ir-rigward, tkompli tiffoka fuq il-kwistjoni tal-perjodi ta' preklużjoni u r-revolving doors minn membri għolja tal-persunal tal-istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi kollha tal-UE sabiex jiġu żgurati l-ogħla standards etiċi ta' trasparenza u ***responsabbiltà pubblika***;

Or. en

Emenda 93
Virginie Joron, Pál Szekeres, Georg Mayer, Fabrice Leggeri, Mireia Borrás Pabón, Sebastian Kruis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. Jilqa' l-bidliet tal-Kummissjoni fil-gwida interna tagħha dwar l-akkwist pubbliku, ivvalutati b'mod pożittiv mill-inkjesta tal-Ombudsman, li jsaħħu t-trattament tagħha tal-kunflitti ta' interess professjonali potenzjali fis-sejħiet għall-offerti;	18. Jilqa' l-bidliet tal-Kummissjoni fil-gwida interna tagħha dwar l-akkwist pubbliku, ivvalutati b'mod pożittiv mill-inkjesta tal-Ombudsman, li jsaħħu t-trattament tagħha tal-kunflitti ta' interess professjonali potenzjali fis-sejħiet għall-offerti; ***jiddispjaċih, madankollu, li għadha ma ngħatat l-ebda kjarifika serja fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi b'valur ta' aktar minn EUR 70 biljun konklużi mal-industriji farmaċewtiċi mill-2020, li se jkollhom impatt finanzjarju fit-tul fuq il-finanzi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha;***

Or. fr

Emenda 94
Virginie Joron, Pál Szekeres, Georg Mayer, Fabrice Leggeri, Mireia Borrás Pabón, Sebastian Kruis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha biex iżżid it-trasparenza fir-rigward tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u jappoġġja t-talba tal-Ombudsman lill-Kummissjoni biex ittejjeb it-trattament tagħha tat-talbiet għal aċċess pubbliku għal dokumenti relatati mal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u biex tkompli tippubblika valutazzjonijiet preliminari tat-talbiet għal pagament tal-Istati Membri;	19. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha biex iżżid it-trasparenza fir-rigward tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u jappoġġja t-talba tal-Ombudsman lill-Kummissjoni biex ittejjeb it-trattament tagħha tat-talbiet għal aċċess pubbliku għal dokumenti relatati mal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u biex tkompli tippubblika valutazzjonijiet preliminari tat-talbiet għal pagament tal-Istati Membri; ***jirrakkomanda bil-qawwa li l-Ombudsman tinvestiga l-attivitajiet tal-Kummissjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-fruntieri; minflok ma tikkritika lill-Istati Membri u lill-aġenziji responsabbli mill-protezzjoni tal-fruntieri, il-Kummissjoni għandha pjuttost tappoġġja lill-Istati Membri li jiddefendu l-fruntieri tagħhom u mhux theddidhom u tikkastigahom bl-irtirar tar-riżorsi u bil-multi. l-attivitajiet tal-Ombudsman Ewropew għandhom iqisu l-interess taċ-ċittadini Ewropej;***

Or. fr

Emenda 95
Maria Zacharia, Fidias Panayiotou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha biex iżżid it-trasparenza fir-rigward tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u jappoġġja t-talba tal-Ombudsman lill-Kummissjoni biex ittejjeb it-trattament tagħha tat-talbiet għal aċċess pubbliku għal dokumenti relatati mal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u biex tkompli tippubblika valutazzjonijiet preliminari tat-talbiet għal pagament tal-	19. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha biex iżżid it-trasparenza fir-rigward tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u jappoġġja t-talba tal-Ombudsman lill-Kummissjoni biex ittejjeb it-trattament tagħha tat-talbiet għal aċċess pubbliku għal dokumenti relatati mal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u biex tkompli tippubblika valutazzjonijiet preliminari tat-talbiet għal pagament tal-

Istati Membri;	Istati Membri; ***jenfasizza l-ħtieġa li l-Istati Membri kollha jistabbilixxu portali pubbliċi li jinfurmaw liċ-ċittadini dwar ir-riċevituri kollha tal-finanzjament tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza;***

Or. el

Emenda 96
Peter Agius

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha biex iżżid it-trasparenza fir-rigward tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u ***jappoġġja t-talba tal-Ombudsman*** lill-Kummissjoni ***biex ittejjeb*** it-trattament tagħha tat-talbiet għal aċċess pubbliku għal dokumenti relatati mal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u ***biex*** tkompli tippubblika valutazzjonijiet preliminari tat-talbiet għal pagament tal-Istati Membri;	19. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni żżid l-isforzi tagħha biex iżżid it-trasparenza fir-rigward tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u ***jitlob*** lill-Kummissjoni ***ttejjeb*** it-trattament tagħha tat-talbiet għal aċċess pubbliku għal dokumenti relatati mal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u tkompli tippubblika valutazzjonijiet preliminari tat-talbiet għal pagament tal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 97
Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jenfasizza li l-UE ppjanat livelli bla preċedent ta' investimenti, li jinvolvu kemm is-settur pubbliku kif ukoll dak privat, fl-ambitu ta' Next Generation EU, u b'hekk sar saħansitra aktar kruċjali li fil-livell tal-UE jkun hemm fis-seħħ proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq trasparenza sħiħa u fuq l-aktar regoli

b'saħħithom dwar l-etika; jistieden lill-Ombudsman tadotta sorveljanza msaħħa fuq l-implimentazzjoni tar-regoli u l-proċeduri li jikkonċernaw l-allokazzjoni u l-użu tal-fondi tal-UE fl-ambitu ta' Next Generation EU sabiex jiġu żgurati l-integrità, it-trasparenza sħiħa u l-obbligu ta' rendikont tal-Istituzzjonijiet tal-UE kif ukoll sabiex tingħata għajnuna ħalli jiġi evitat li jseħħu kunflitti ta' interess, ksur tal-istat tad-dritt u każijiet ta' korruzzjoni;

Or. en

Emenda 98
Fidias Panayiotou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jistieden lill-Kummissjoni tieħu l-passi kollha meħtieġa biex tiżgura li l-Istati Membri kollha jkunu stabbilew portali pubbliċi li jkun fihom data dwar ir-riċevituri ewlenin tal-finanzjament u jippubblikaw il-benefiċjarji kollha tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza fuq dawn il-portali pubbliċi;

Or. en

Emenda 99
Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Ombudsman li tiftaħ inkjesta fuq inizjattiva proprja dwar id-dewmien tal-Kummissjoni relatat mal-ġestjoni tar-riskju ta' sustanzi kimiċi perikolużi, li l-għan tagħha huwa li	20. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Ombudsman li tiftaħ inkjesta fuq inizjattiva proprja dwar id-dewmien tal-Kummissjoni relatat mal-ġestjoni tar-riskju ta' sustanzi kimiċi perikolużi, li l-għan tagħha huwa li

teżamina d-dewmien fl-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet biex jittaffew ir-riskji ta' sustanzi kimiċi speċifiċi u fit-tqegħid ta' sustanzi kimiċi fil-lista ta' sustanzi fejn l-użu jkun soġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel;	teżamina d-dewmien fl-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet biex jittaffew ir-riskji ta' sustanzi kimiċi speċifiċi u fit-tqegħid ta' sustanzi kimiċi fil-lista ta' sustanzi fejn l-użu jkun soġġett għal awtorizzazzjoni minn qabel; ***jissottolinja li tqajjem ukoll tħassib dwar in-nuqqas ta' trasparenza tal-"proċeduri ta' komitoloġija", li l-Kummissjoni jeħtieġ li ssegwi fl-adozzjoni ta' deċiżjonijiet u regolamenti ta' implimentazzjoni, peress li dawn il-proċeduri jipprovdu informazzjoni limitata lill-pubbliku, u b'hekk isir diffiċli ħafna għall-pubbliku li jżomm lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri responsabbli għall-azzjonijiet tagħhom;***
	Or. en

Emenda 100
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Ombudsman li tiftaħ inkjesta fuq inizjattiva proprja dwar il-prattika tal-Kummissjoni li tistieden biss rappreżentanti tal-industrija għal ċerti workshops dwar il-pestiċidi;
	Or. en

Emenda 101
Virginie Joron, Pál Szekeres, Georg Mayer, Fabrice Leggeri, Mireia Borrás Pabón, Sebastian Kruis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jinsab imħasseb li l-Ombudsman identifikat diversi kwistjonijiet ta'	21. Jinsab imħasseb li l-Ombudsman identifikat diversi kwistjonijiet ta'

trasparenza fl-interazzjonijiet tal-Kummissjoni mal-industrija tat-tabakk; jinnota, madankollu, li l-Kummissjoni impenjat ruħha li tkompli tivvaluta l-esponiment tad-dipartimenti tagħha għal-lobbjar mill-industrija tat-tabakk; ifakkar lill-Kummissjoni li l-UE u l-Istati Membri kollha tagħha huma firmatarji tal-Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk u li għalhekk huma obbligati, jistabbilixuu u jimplimentaw il-politiki tas-saħħa pubblika tagħhom fir-rigward tal-kontroll tat-tabakk, jieħdu azzjoni biex jipproteġu dawn il-politiki minn interessi kummerċjali u drittijiet akkwiżiti oħra tal-industrija tat-tabakk;	trasparenza fl-interazzjonijiet tal-Kummissjoni mal-industrija tat-tabakk***, kif għadu l-każ mal-industriji farmaċewtiċi***; jinnota, madankollu, li l-Kummissjoni impenjat ruħha li tkompli tivvaluta l-esponiment tad-dipartimenti tagħha għal-lobbjar mill-industrija tat-tabakk; ifakkar lill-Kummissjoni li l-UE u l-Istati Membri kollha tagħha huma firmatarji tal-Konvenzjoni Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk u li għalhekk huma obbligati, jistabbilixuu u jimplimentaw il-politiki tas-saħħa pubblika tagħhom fir-rigward tal-kontroll tat-tabakk, jieħdu azzjoni biex jipproteġu dawn il-politiki minn interessi kummerċjali u drittijiet akkwiżiti oħra tal-industrija tat-tabakk;
	Or. fr

Emenda 102
Fidias Panayiotou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jitlob lill-Ombudsman tqis il-possibbiltà li tinvestiga l-livell ta' trasparenza tal-interazzjonijiet tal-Kummissjoni mal-industrija farmaċewtika;
	Or. en

Emenda 103
Peter Agius

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jirrimarka li l-Ombudsman wettqet	22. ***Ifakkar fl-obbligu imperattiv tal-***

inkjesta dwar kif ***l-EPSO wettaq*** testijiet ta' "preselezzjoni" bħala parti minn proċedura għar-reklutaġġ ta' persunal ġdid fis-servizz ċivili tal-UE, u identifikat kwistjonijiet li jikkonċernaw l-organizzazzjoni ta' testijiet li jitwettqu esklużivament mill-bogħod; jistieden lill-EPSO jtejjeb il-proċeduri ta' reklutaġġ tiegħu billi jiżgura li r-rekwiżiti tekniċi ma jkunux ta' żvantaġġ għal ċerti kandidati u jipprovdi informazzjoni ċara lill-kandidati; huwa tal-fehma li l-kandidati għandhom jingħataw l-għażla, jekk jixtiequ, li jipparteċipaw f'dawn it-testijiet filwaqt li jkunu fiżikament preżenti f'ċentru tal-ittestjar, kif kienet il-prattika komuni qabel il-pandemija tal-COVID-19;	***istituzzjonijiet tal-UE li jiżguraw is-servizzi ta' uffiċjali indipendenti u kwalifikati sew reklutati b'mod miftuħ u b'bilanċ ġeografiku xieraq bejn in-nazzjonalitajiet u l-lingwi.*** Jirrimarka li l-Ombudsman wettqet inkjesta dwar kif ***l-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) iwettaq*** testijiet ta' "preselezzjoni" bħala parti minn proċedura għar-reklutaġġ ta' persunal ġdid fis-servizz ċivili tal-UE, u identifikat kwistjonijiet li jikkonċernaw l-organizzazzjoni ta' testijiet li jitwettqu esklużivament mill-bogħod; jistieden lill-EPSO jtejjeb il-proċeduri ta' reklutaġġ tiegħu billi jiżgura li r-rekwiżiti tekniċi ma jkunux ta' żvantaġġ għal ċerti kandidati u jipprovdi informazzjoni ċara lill-kandidati; huwa tal-fehma li l-kandidati għandhom jingħataw l-għażla, jekk jixtiequ, li jipparteċipaw f'dawn it-testijiet filwaqt li jkunu fiżikament preżenti f'ċentru tal-ittestjar, kif kienet il-prattika komuni qabel il-pandemija tal-COVID-19;
	Or. en

Emenda 104
Emmanouil Fragkos, Galato Alexandraki

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jenfasizza n-nuqqas ta' inizjattivi adegwati favur l-investigazzjoni ulterjuri tal-iskandlu dwar il-provvista ta' vaċċini mingħajr it-trasparenza dovuta;
	Or. el

Emenda 105
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jitlob li jsir stħarriġ tal-Ewrobarometru rigward l-għarfien taċ-ċittadini tal-UE dwar id-dritt li jressqu lmenti lill-Ombudsman Ewropew, sabiex tinġabar data li tippermetti t-tnedija ta' kampanja robusta u aċċessibbli ta' sensibilizzazzjoni; iqis li jekk isir stħarriġ regolari madwar l-UE bbażat fuq stħarriġ tal-opinjoni transkonfinali dan jgħin biex ikun hemm sensibilizzazzjoni dwar it-tħassib taċ-ċittadini fost l-istituzzjonijiet tal-UE;

Or. en

Emenda 106
Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jisħaq li l-"Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà"[1a] ġie adottat fis-17 ta' April 2019 u li l-iskadenza stabbilita fih għat-traspożizzjoni tiegħu mill-Istati Membri kienet nhar it-28 ta' Ġunju 2022; jissottolinja li l-iskop ewlieni tal-Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà kien li jagħmel il-ħajja aktar faċli għal mill-inqas 87 miljun persuna b'diżabilità, filwaqt li jiffaċilita l-aċċess tagħhom għal, fost affarijiet oħra, it-trasport pubbliku, is-servizzi bankarji, il-kompjuters, is-settijiet tat-televixin, il-kotba elettroniċi u l-ħwienet online; jiddispjaċih ħafna li l-Istati Membri kollha għadhom qed jonqsu milli jiżguraw it-traspożizzjoni sħiħa u konsistenti tiegħu u qed ikomplu jakkumulaw dewmien, kif ikkonfermat mill-proċedimenti ta' ksur li għaddejjin bħalissa mnedija kontrihom kollha mill-Kummissjoni; jistieden lill-Ombudsman tqajjem dan il-ksur serju ħafna tad-dritt

tal-UE, li jimmina serjament id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, bħala parti mill-attivitajiet ġenerali mwettqa fil-qafas tal-UE għall-UN CRPD, sabiex tgħin ħalli tinstab soluzzjoni f'dan ir-rigward bħala kwistjoni ta' prijorità;

[1a] Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi

Or. en

Emenda 107
Virginie Joron, Pál Szekeres, Georg Mayer, Fabrice Leggeri, Mireia Borrás Pabón, Sebastian Kruis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jisħaq li, għalkemm sar progress fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, il-kisba ta' ħafna miri ta' aċċessibbiltà għadha qed tiġi mdewma u mhijiex effettiva biżżejjed; jirrakkomanda li l-Ombudsman li jmiss jintervjeni biex jeżamina u jħaffef il-miżuri ta' aċċessibbiltà fl-istituzzjonijiet Ewropej u jeżamina jekk il-persuni b'diżabilità humiex rappreżentati b'mod proporzjonali fl-istituzzjonijiet;

Or. fr

Emenda 108
Virginie Joron, Pál Szekeres, Georg Mayer, Fabrice Leggeri, Mireia Borrás Pabón, Sebastian Kruis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25a. Jistieden lill-Ombudsman tiftaħ inkjesta dwar il-każ tal-Iskejjel Ewropej u teżamina kif it-tfal b'diżabilità jistgħu jiġu integrati f'dik l-istituzzjoni, biex b'hekk il-ġenituri tagħhom ikunu jistgħu jipparteċipaw fil-ħidma tal-istituzzjonijiet f'kundizzjonijiet ta' opportunitajiet indaqs;

Or. fr

Emenda 109
Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jenfasizza l-importanza tan-Network Ewropew tal-Ombudsmen u tal-laqgħat annwali ospitati flimkien mal-ombudsmen nazzjonali u reġjonali permezz tan-Network Ewropew tal-Ombudsmen biex titqajjem aktar sensibilizzazzjoni dwar x'tista' tagħmel l-Ombudsman Ewropew għaċ-ċittadini Ewropej; iħeġġeġ lill-Ombudsman tkompli tipparteċipa fl-iskambji ta' esperjenza u l-aħjar prattika mal-ombudsmen nazzjonali permezz tan-Network Ewropew tal-Ombudsmen; jieħu nota tal-fatt li l-konferenza annwali tan-Network Ewropew tal-Ombudsmen tal-2023 iffokat fuq il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-indirizzar tal-benefiċċji u l-iżvantaġġi potenzjali tal-użu tal-IA fl-amministrazzjoni pubblika;	26. Jenfasizza l-importanza tan-Network Ewropew tal-Ombudsmen u tal-laqgħat annwali ospitati flimkien mal-ombudsmen nazzjonali u reġjonali permezz tan-Network Ewropew tal-Ombudsmen biex titqajjem aktar sensibilizzazzjoni dwar x'tista' tagħmel l-Ombudsman Ewropew għaċ-ċittadini Ewropej; iħeġġeġ lill-Ombudsman tkompli tipparteċipa fl-iskambji ta' esperjenza u l-aħjar prattika mal-ombudsmen nazzjonali permezz tan-Network Ewropew tal-Ombudsmen; jieħu nota tal-fatt li l-konferenza annwali tan-Network Ewropew tal-Ombudsmen tal-2023 iffokat fuq il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-indirizzar tal-benefiċċji u l-iżvantaġġi potenzjali tal-użu tal-IA fl-amministrazzjoni pubblika; ***jilqa' l-adeżjoni tal-Istituzzjoni tal-Ombudsman għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Bożnija-Ħerzegovina man-Network Ewropew tal-Ombudsmen; jistieden lill-Ombudsman issaħħaħ il-kooperazzjoni mal-uffiċċji nazzjonali tal-Ombudsman tal-pajjiżi kandidati tal-UE sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tal-awtoritajiet pubbliċi ta' dawk***

il-pajjiżi biex jallinjaw ruħhom mal-istandards tal-UE dwar l-amministrazzjoni tajba, l-integrità u l-obbligu ta' rendikont;

Or. en

Emenda 110
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jenfasizza l-importanza tan-Network Ewropew tal-Ombudsmen u tal-laqgħat annwali ospitati flimkien mal-ombudsmen nazzjonali u reġjonali permezz tan-Network Ewropew tal-Ombudsmen biex titqajjem aktar sensibilizzazzjoni dwar x'tista' tagħmel l-Ombudsman Ewropew għaċ-ċittadini Ewropej; iħeġġeġ lill-Ombudsman tkompli tipparteċipa fl-iskambji ta' esperjenza u l-aħjar prattika mal-ombudsmen nazzjonali permezz tan-Network Ewropew tal-Ombudsmen; jieħu nota tal-fatt li l-konferenza annwali tan-Network Ewropew tal-Ombudsmen tal-2023 iffokat fuq il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-indirizzar tal-benefiċċji u l-iżvantaġġi potenzjali tal-użu tal-IA fl-amministrazzjoni pubblika;	26. Jenfasizza l-importanza tan-Network Ewropew tal-Ombudsmen u tal-laqgħat annwali ospitati flimkien mal-ombudsmen nazzjonali u reġjonali permezz tan-Network Ewropew tal-Ombudsmen biex titqajjem aktar sensibilizzazzjoni dwar x'tista' tagħmel l-Ombudsman Ewropew għaċ-ċittadini Ewropej; iħeġġeġ lill-Ombudsman tkompli tipparteċipa fl-iskambji ta' esperjenza u l-aħjar prattika mal-ombudsmen nazzjonali permezz tan-Network Ewropew tal-Ombudsmen; jieħu nota tal-fatt li l-konferenza annwali tan-Network Ewropew tal-Ombudsmen tal-2023 iffokat fuq il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-indirizzar tal-benefiċċji u l-iżvantaġġi potenzjali tal-użu tal-IA fl-amministrazzjoni pubblika; ***Iħeġġeġ lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jużaw aħjar is-servizzi tal-Ombudsman Ewropew ħalli jeżerċitaw skrutinju tal-istituzzjonijiet tal-UE, il-garanziji ta' trasparenza, u t-trattament tal-każijiet ta' nuqqas ta' konformità mad-dritt tal-Unjoni;***

Or. en

Emenda 111
Peter Agius

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jitlob li titkompla l-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Ombudsman u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew, li għandhom il-missjoni kondiviża li jqarrbu l-istituzzjonijiet tal-UE lejn iċ-ċittadini; jesprimi l-apprezzament kbir tiegħu għall-attenzjoni u s-segwitu li l-Ombudsman tagħti lill-ilmenti kollha, ***inklużi dawk*** li jaqgħu barra mill-mandat ***tal-Ombudsman Ewropew, bħall-ilmenti taċ-ċittadini dwar kwistjonijiet speċifiċi relatati mal-leġiżlazzjoni tal-UE, u jappoġġja lill-Ombudsman fl-għoti ta' pariri lil dawk l-ilmentaturi biex jirrikorru għand il-Kumitat*** għall-Petizzjonijiet tal-Parlament;	27. Jitlob li titkompla l-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Ombudsman u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew, li għandhom il-missjoni kondiviża li jqarrbu l-istituzzjonijiet tal-UE lejn iċ-ċittadini; jesprimi l-apprezzament kbir tiegħu għall-attenzjoni u s-segwitu li l-Ombudsman tagħti lill-ilmenti kollha, ***inkluż ir-riferiment tal-ilmenti,*** li jaqgħu barra mill-mandat ***tagħha rigward l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE, lill-Kumitat*** għall-Petizzjonijiet tal-Parlament ***Ewropew***;

Or. en

Emenda 112
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jitlob li titkompla l-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Ombudsman u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew, li għandhom il-missjoni kondiviża li jqarrbu l-istituzzjonijiet tal-UE lejn iċ-ċittadini; jesprimi l-apprezzament kbir tiegħu għall-attenzjoni u s-segwitu li l-Ombudsman tagħti lill-ilmenti kollha, inklużi dawk li jaqgħu barra mill-mandat tal-Ombudsman Ewropew, bħall-ilmenti taċ-ċittadini dwar kwistjonijiet speċifiċi relatati mal-leġiżlazzjoni tal-UE, u jappoġġja lill-Ombudsman fl-għoti ta' pariri lil dawk l-ilmentaturi biex jirrikorru għand il-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament;	27. Jitlob li titkompla l-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Ombudsman u l-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew, li għandhom il-missjoni kondiviża li jqarrbu l-istituzzjonijiet tal-UE lejn iċ-ċittadini; jesprimi l-apprezzament kbir tiegħu għall-attenzjoni u s-segwitu li l-Ombudsman tagħti lill-ilmenti kollha, inklużi dawk li jaqgħu barra mill-mandat tal-Ombudsman Ewropew, bħall-ilmenti taċ-ċittadini dwar kwistjonijiet speċifiċi relatati mal-leġiżlazzjoni tal-UE, u jappoġġja lill-Ombudsman fl-għoti ta' pariri lil dawk l-ilmentaturi biex jirrikorru għand il-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament; ***Iħeġġeġ lill-uffiċċju tal-***

Ombudsman ikompli bl-isforzi tiegħu favur dak l-għan, peress li l-kooperazzjoni mal-Kumitat għall-Petizzjonijiet, l-informazzjoni f'waqtha u l-aċċess għad-dokumenti fl-24 lingwa uffiċjali kollha tal-UE jistgħu jżidu l-parteċipazzjoni effettiva taċ-ċittadini u tas-soċjetà ċivili fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

Or. en

Emenda 113
Gordan Bosanac

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	27a. Japprezza li r-rata ta' aċċettazzjoni mill-istituzzjonijiet tal-UE, jiġifieri l-perċentwal ta' tweġibiet pożittivi għall-għadd totali ta' proposti magħmula mill-Ombudsman biex jikkoreġu jew itejbu l-prattiki amministrattivi tagħhom, kienet ta' 81%, u dan jirrappreżenta titjib mis-sena preċedenti; jemmen bis-sħiħ, madankollu, li l-istituzzjonijiet, l-aġenziji, il-korpi u l-uffiċċji tal-Unjoni, jridu jikkonformaw bis-sħiħ u b'mod konsistenti mas-soluzzjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet u s-suġġerimenti kollha tal-Ombudsman;

Or. en

Emenda 114
Nikos Pappas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Japprezza u jilqa' l-isforzi tal-Ombudsman u tal-uffiċċju tagħha biex	29. Japprezza u jilqa' l-isforzi tal-Ombudsman u tal-uffiċċju tagħha biex

itejbu kontinwament il-proċeduri interni tagħhom biex jiżguraw li l-ilmentaturi jkollhom esperjenza ottimali u li l-ilmenti jiġu ttrattati bl-aktar mod effiċjenti possibbli; jilqa' t-titjib fis-sistema tal-ilmenti online tal-Ombudsman, li għamilha aktar faċli għall-utent; jilqa' s-sit web multilingwi tal-Ombudsman, li jirrifletti l-impenn tal-Ombudsman li toffri assistenza fl-24 lingwa uffiċjali tal-UE;	itejbu kontinwament il-proċeduri interni tagħhom biex jiżguraw li l-ilmentaturi jkollhom esperjenza ottimali u li l-ilmenti jiġu ttrattati bl-aktar mod effiċjenti possibbli; jilqa' t-titjib fis-sistema tal-ilmenti online tal-Ombudsman, li għamilha aktar faċli għall-utent; jilqa' s-sit web multilingwi tal-Ombudsman, li jirrifletti l-impenn tal-Ombudsman li toffri assistenza fl-24 lingwa uffiċjali tal-UE; ***Jenfasizza l-importanza li jiġi garantit aċċess sħiħ għall-persuni b'diżabilità għall-firxa sħiħa ta' riżorsi pprovduti mill-UE liċ-ċittadini tagħha, speċjalment permezz ta' servizzi sistematiċi ta' traduzzjoni u interpretazzjoni offruti għal-lingwi uffiċjali kollha, inkluża l-lingwa tas-sinjali;***

Or. en

Emenda 115
Peter Agius

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Japprezza u jilqa' l-isforzi tal-Ombudsman u tal-uffiċċju tagħha biex itejbu kontinwament il-proċeduri interni tagħhom biex jiżguraw li l-ilmentaturi jkollhom esperjenza ottimali u li l-ilmenti jiġu ttrattati bl-aktar mod effiċjenti possibbli; jilqa' t-titjib fis-sistema tal-ilmenti online tal-Ombudsman, li għamilha aktar faċli għall-utent; jilqa' s-sit web multilingwi tal-Ombudsman, li jirrifletti l-impenn tal-Ombudsman li toffri assistenza fl-24 lingwa uffiċjali tal-UE;	29. Japprezza u jilqa' l-isforzi tal-Ombudsman u tal-uffiċċju tagħha biex itejbu kontinwament il-proċeduri interni tagħhom biex jiżguraw li l-ilmentaturi jkollhom esperjenza ottimali u li l-ilmenti jiġu ttrattati bl-aktar mod effiċjenti possibbli; ***iħeġġeġ l-isforzi tal-Ombudsman biex tkompli ttejjeb il-viżibbiltà tal-attivitajiet tagħha u*** jilqa' t-titjib fis-sistema tal-ilmenti online tal-Ombudsman, li għamilha aktar faċli għall-utent; jilqa' s-sit web multilingwi tal-Ombudsman, li jirrifletti l-impenn tal-Ombudsman li toffri assistenza fl-24 lingwa uffiċjali tal-UE;

Or. en

Emenda 116
Fidias Panayiotou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	29a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill iwieġbu b'mod pożittiv għal kwalunkwe talba għal żieda fil-baġit rigward l-allokazzjoni finanzjarja għall-istituzzjoni tal-Ombudsman Ewropew, filwaqt li jqisu l-ambjent tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-UE li qed isir dejjem aktar kumpless u r-rwol tal-Ombudsman fl-iżgurar li l-amministrazzjoni Ewropea tibqa' responsabbli u trasparenti;

Or. en